MONS SION IN JERUSAL



Is-Sultan tal-Eġittu
Melek il-Kâmel
jagħti l-Kitba mn'idejh
Lil San Franġisk t'Assisi
Biex biha jista' jżur
l-Art Imqaddsa

Id-Disa' Sena | JANNAR - MARZU, 1963 | Għadd 1

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

Id-Disa' Sena — JANNAR - MARZU, 1963 — Għadd 1

## X'FIH DAN IL-GĦADD

Imbierek Tas-sew il-Faqar! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... 1

Fil-Għid tal-Milied ... ... ... ... ... ... ... ... 2

Dawra mal-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... ... ... ... 4

Is-Siġra tal-Madonna f'Matarija (Fra Krispin O.F.M.) ... ... 9

Min Kienu il-Gnostki (Fra Epifanju Xara O.F.M.) ... ... ... 12

Disa' Xhur fis-Salt (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... 15

Il-Mekka (Muħammed Maħmud el-Ħamdani) ... ... ... ... 20

Iċ-Ċentenarju ta' San Ġakbu (Fra Mikiel O.F.M.) ... ... ... 22

Kliem Sabiħ Barra Minn Waqtu (Ben Jehuża) ... ... ... ... 29

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 31

Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... 32

---

*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# IMBIEREK TAS-SEW IL-FAQAR!

*Hi ħaġa minn awl id-dinja, li ħadd ma jagħmel xej għal xej; għax mîn jaħdem, ijrid jitħallas. Għal hekk, malli Alla sejjaħ lil Abrâm, biex jaqdîh u jagħmel riedtu, wegħdu l-ħlâs li kien sa jtih. "Oħroġ minn dar missierek," qallu, "u ejja fl-art li nurîk jien. Hemmhekk nagħmlek ġens kbîr u nkabbar ismek, u f'nislek jitbierku n-nies kollha tal-art"* (*Nisel, XII*, 1-3). *U Alla qal lil-Lhud meta ħarġu mill-Eġittu: "Jekk tħârsu tusijieti u żżommuni b'Alla tagħkom, nagħtîkom ix-xita fil-bikri u fl-imwaħħar, biex ikollkom x'tieklu u x'tixorbu, kotra ta' qamħ u nbîd, u żejt* (*Dewtr. XI*, 13-15). *U nagħmilkom fir-râs, u m'hux fid-denb; u nqegħedkom dejjem minn fûq, u qatt minn taħt* (*Dewtr. XXVIII*, 12-13).

*Għaddew xi elfejn sena, u l-wegħda tal-Mulej lil Abrâm, seħħet, għax Bin-Alla mill-Eternità, sar Bin-Abraham fiż-żmien* (*Matt. I.* 1). *Twieled minn Omm Verġni, u kiber, u beda ħidimtu għal Fidwa. Tala' fuq għolja, u miegħu ġemgħa nies, u fosthom ħbieb u egħdewwa, u qagħad bil-qegħda* (*Matt. V*, 2-3). *U fetaħ fommu u mal-ewwel kelmiet li qâl, qaleb ta' taħt fûq il-fehma ta' Dîn il-Lhûd, billi s-saħta tagħhom stqarrha b'barka, u l-barka b'saħta: "Imberkîn intom il-foqra; li tibku u tbâtu l-ġugħ! Imberkin intom, li n-nies tad-dinja jobgħodûkom, jisħtûkom, u jkeċċukom! Ifirħu u thennew, għax ħlâskom ijkûn kbîr fis-sema!. . . Imma ħażin għallîkom, intom il-għônja; li tidħku u tgawdu x-xaba'! Ħażîn għalikom, intom, li n-nies tad-dinja jgħożżûkom, iberkûkom u jilqgħuhom! Ibżgħu u tnikktu, għax għażiebkom ikûn kbîr fin-nâr ta' ġehenna!"*

*Kemm hu ħażîn u morr, il-kies li newwel Ġesù, biex jixorbuh, lil dawk li riedu jimxu wrajh u jħârsu kliemu! Mela, ma kienx hemm għalîhom f'din id-dinja, la hena u la mistrieħ! Il-ħlâs tal-qadi t'Alla, għalihom, ma hux f'din id-dinja, għax il-Liġi l-Qadîma tiswa biss sa żmien Ġwanni l-Għammied* (*Luqa, XVI*, 16). *Mhûx għaġeb li ftît kienu n-nies fi żmienu, u ftit huma wkoll issa, li qagħdu għal dâk li qâl. B'dana kollu, kliem Ġesù minnu: f'id-dinja aħjar il-għaks u n-niket, mill-għana u l-ferħ.*

*Bin-Adam ma jkûn xej qabel jitnissel. U billi ma kien xej, u la jifraħ anqas jitnikket. Ma ġiex fid-dinja bir-rieda tiegħu, imma Alla għamlu, u hu sâb rûħu fid-dinja bla ma kien jaf. Fid-dinja għandu r-rieda u libertà, imma jekk jieħu ż-żejjed, minn din il-ħajja, jiġifieri jekk igawdi, ikollu d-dejn xi jħallas fl-oħra. Jekk jieħu n-nieqes f'din il-ħajja, jiġifieri jekk ibâti, fid-dinja l-oħra jkollu l-qliegħ. Tgawdija f'dîn id-dinja, ta 'ftît snîn li jgħaddu, tfisser dejn li jrid jitħallas għall-Eternità; u tbatija f'din il-ħajja, tfisser qliegħ ta' sebħ u hena, li jibqa' jitgawda għal dejjem ta' dejjem. X'tiswa t-tgawdija ta' dîn id-dinja, li malajr tgħaddi? Din il-ħajja ma hix ħajja, imma prova; il-vera ħajja hi l-Eternità.*

*Agħmel il-qalb, mela, u la tibżâx mill-Għaks u l-Faqar! Oqgħod dejjem ma' dawk tal-aħħar, biex fil-ħajja l-oħra, li hi l-vera ħajja, issîb rûħek fost il-quddemîn!* (*Mark*, 34, u *X*, 31; *Matt. XIX*, 30). *Aħseb fit-tixbiha tal-Għâni u Lażżru* (*Luqa, XVI*, 19-31). *u żommha dejjem quddiem għajnejk. Għax bîha nafu minn fomm l-Imgħallem, li t-telf ta' dîn id-dinja li tgħaddi huwa qliegħ għall-Eternità* *ID-DIREZZJONI.*

# FIL-GHID TAL-MILIED. (*)

Mexa Jûsef in-Naġġar u miegħu għarustu, Marija l-Verġni, fi triq imwegħra u twila, jaħarbu minn ħarst in-nies u t-taħdit tagħhom. U niżlet ix-xemx u daħal il-lejl tax-xitwa bil-bard tiegħu l-qieraħ, għajjiet il-Verġni u laħqitha l-ħedla, u fnewha l-mixi u l-bard.

U kienu għadhom kemm waslu f'raħal Bet-Lehem, u sabu kerrejja żgħira u talbu li jgħaddu l-lejl fiha. (1) U talabhom jagħdruh sîd il-kerrejja, għax ma kienx hemm f'kerrejtu wisa' għal żawwâra ġodda. Raħħamlu Jusef lil sîd il-kerrejja, u laqa' li jdaħħlu lilu u 'l għarustu fil-maqjel tal-baqar, u qabadha wġiegħ il-ħlâs lil Verġni, u ġiebet fid-dinja lil binha l-Messija, għalih is-sliem, fost il-ferħ tal-Anġli u l-għana tagħhom: "Sebħ 'l Alla fil-għoli; u fuq l-art is-sliema; u fost in-nies il-hena!" U ġew ġemgħa nies fil-ħeda ta' kwiekeb is-sema, biex jaraw Kelmet Alla u Ruhu, (2) u resqu lejn Marija u saqsewha; u hi meddet idha lejn binha. U qalulha: "Kif nistgħu nkellmu lil mîn hu tifel żgħîr fil-benniena?" U tkellem l-imwieled, kif kien fil-benniena, (3) u stagħġbet il-ġemgħa, u faħħret 'l Alla, u lit-tifel qaddmulu l-għotjiet tagħhom. (4) U għaddew erbgħîn jum fuq twelîd il-Messija, u dan hu ż-żmien li għandha tidher bih ommu fit-Tempju ta' Ġerusalêm. U tħejjiet il-għajla mqaddsa għal mawra qabel il-għabex, (5) u s-sema kien miksi bis-sħâb bid-dehra li kienet sa tinżel il-borra. U fit-trîq l-imwegħra kien hemm il-



*Betlehem, Palestina — Il-Għar fejn twieled Ġesù, kif inhu issa. Ritratt meħud bil-lejl, bid-dawl artifiċjali.*

ħmâr li kien iġorr il-Verġni u l-imwieled tagħha, u l-ħmâr kien jogħtor ma' kull pass, isûqu kemm isûqu Jûsef in-Naġġar, b'saħħtu u bil-ġbîd ta' lġiemu. U f'salîb it-toroq resaq Jûsef lejn wieħed mill-ibwieb (6) u ħabbat, u deher fuq il-għatba ta' dak il-bieb wieħed Fellâħ u saqsa: "Xi trîd, ja râġel tajjeb?" "Nixtieq li turini l-aqsar trîq u l-anqas imwegħra lejn Ġerusalêm!"

"Id-dlâm magħqûd, u l-borra bdiet nieżla, u għandkom magħkom tarbija tal-ħalib. Għax ma toqgħodx dallejl f'dari sa kemm jisbaħ?"

"Jekk nagħmlu hekk naslu mwaħħrîn!"

"Mela sa niġi magħkom biċċa trîq, bid-dawl tat-torċa tiegħi, u sa jiġi wkoll missieri bit-torċa tiegħu". U qamu n-nies kollha tad-dâr, u stama' leħen ta' ieħor jgħîd: "Sa niġi nseħibkom jien ukoll; aktar ma nkunu fil-għadd, aħjar!"

U ngħaqad magħhom ir-râba' u l-ħâmes, u s-sitta, u ma ħdewx jinġemgħu n-nies, u beda jiżdied ir-rîħ (7) u ntfew wisq mit-torċi. U meta ġara dan, ħareġ il- Messija jdejh iżżgħar minn ġewwa l-għata li kienet kebbitu fih ommu, u ġrat ħâġa talgħaġeb: żammet il-borra wieqfa, imdendla fuq râs il-ġemgħa tan-nies u baqa' l-frak tagħha jiżdied u jissiefaq u jdûr fir-rîħ, donnu kien hemm saqaf iħarishom minnu u jwarrbu minn fuqhom. Waqfu r-rġiel imgħaġġbin, u dak il-ħin il-Verġni xejjret idha lejn binha l-maħbub u tbissmet. U baqa' sejjer għaġeb il-ġrajja, u aktar ma jimxu n-nies, aktar jiżdiedu, u aktar jiżdied il- għadd tattorċi, sa kemm waslet il-karwâna sa Ġerusalêm, u f'nofshom kien hemm il-Messija, li kellu jixgħel l-akbar dawl tad-dinja. (8)

---

(*). Din il-kitba meħuda minn rivista żgħira tat-tfal Għarab, Misilmin u Nsara. Hawn ma fiha xej imnaqqas jew miżjud, u l-bini talkliem ukoll hu mħolli kif inhu fil-Għarbi. M'hix "maqluba" mill-Għarbi għal Malti, imma "mqabbla" mill-Għarbi ta' barra għall-Għarbi ta' Malta.

(1). Dan, bħal m'hu miktub fl-Evanġelju, għax fil-Qorân miktub li Marija ġiebet fid-dinja lil binha ħdejn zokk ta' siġra tal-palm hekk: *F'aġaħa l-miħâd, ila ġida n-naħle* (Sura XIX, v 22.)

(2). Dan kif jaħsbu l-Misilmin; aħna ma ngħidux lil l-Madonna ġiebet il- Bambin fiddinja b'l-uġiegħ, anqas li huwa *Ruħ Alla.* B'dan kollu din ħaġa żgħira, għax nafu li dil-kitba kitbuha l-Misilmin.

(3). Dal-kliem tal-aħħar miktub fil-Qorân: *F'axârat ilajhi; qâlu: "Kif nukallem men kân fil-mahdi, sabijjan?* (Sura XIX, 29).

(4). Hjiel tal-Maġi; mill-Evanġelju wkoll. Jidher li l-Mislem li kitibha, mal-Qorân iħobb jaqra wkoll l-Evanġelju.

(5). Min kiteb dil-kitba jidher li ma jafx il-Palestina. Għax minn Bet-Lehem sa Ġerusalêm ma hemmx bgħid ħlief ħamest imjiel, u f'siegħa mixi tasal. Ma hemmx għal fejn iqumu qabel is-sebħ.

(6). Bejn Betlehem u Ġerusalêm ma hemmx irħula kif stħajjel il-kittieb. Ara n-nota ta' qabel din.

(7). Jidher li min kiteb dil-kitba qatt ma raha nieżla l-borra, jiġifieri li la hu mill-Palestina anqas mis-Surija, fejn il-borra tinżel qisha kull xitwa. Meta tkun nieżla l-borra ma tagħmel anqas naqra kemm-kemm riħ, imma tkun kalma kbira. Aktarx li l-kittieb huwa (jew hija) mill-Eġittu, fejn anqas xita ma tagħmel, aħseb ara borra.

(8). Min-nota ħamsa 'l isfel, kollu stħajjil tal-kittieb; imma stħajjil sabiħ, u juri l-qima kbira li biha huma miżmuma Gesu' u Ommu Marija fost il-Misilmin.

---

# WICC IL-KTIEB.

Ir-ritratt ta' wiċċ il-ktieb, li juri lil San Franġisk quddiem is-Sultan tal-Eġittu, huwa pittura taż-żejt fuq wieħed mil-ħitan tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Terra Santa, id-Dejr "Ta' Ġieżu" il-Belt. Xogħol tassew milqut tal-Pittur ir-Sur Rafel Bonnici-Calì.

# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

(*Jorbot mal-aħħar Għadd*)

*Fuq Sinaj.* Kien it-30 ta' Ġunju, festa ta' San Pawl, meta tlajna fuq Sinaj, il-Muntanja tal-Kmandamenti t'Alla !

Qomna fil-għodu bikri mas-sebħ; qaddisna; min naħa, u min oħra, tal-Kunvent, minn barra xi wħud li riedu jqaddsu fuq il-Muntanja. Ħadna kolazzjon sewwa, u ħejjejna ruħna għat-triq, li ma kenitx ħafifa wisq. Fost kollox, l-aqwa ħaġa kienet l-ilma. M'hux ta' b'xej li fl-Iskrittura nsibu bosta drabi l-ilma xbieha tal-grazzja t'Alla. Tiftakru kliem Ġesù lis-Samaritana: "Li kont tagħraf l-għotja t'Alla, u min hu dak li qiegħed jgħidlek: 'Agħtini nixrob', kont titolbu inti, u kien jagħtik ilma ħaj" (Ġwanni, IV, 10). Aħna l-Maltin nafu daqs xej x'jiġifieri nuqqas tal-ilma; fis-sajf ir-raba jinxef, u tgħib kull ħajja minnu. F'dawn l-inħawi tad-deżert l-ilma nieqes issena kollha, sajf u xitwa. Fejn hemm daqs xej ta' nixxiegħa, tara ġemgħa żgħira ta' palm, u taħthom jieqfu l-Bedwin, jistrieħu u jitrejqu.

Ħsibna għall-ilma; u m'n Alla, għax ma nafx kemm il-darba, aħna u sejrin, il-koll kemm aħna, waqafna nibilgħu belgħa ilma biex naqtgħu l-għatx u nrattbu n-nixfa li kellna f'ħalqna.

Mela, għal xi s-6 ta' fil-għodu, tlaqna. Ħriġna mill-bieb dejjaq tal-Kunvent, u rhejnielha lejn ras il-wied, li fih jinsab il-Monasteru. Il-Professur fuq il- ġemel u aħna qisna merħla nagħaġ, imxerrda, min hawn u min hemm. Min jitħaddet, min jidħak, min jinbex, min jiekol, u min iħares.

U kien hemm tas-sew x'tara; kif imxejna ftit, ilwejna għal fuq il-lemin, u lmaħna quddiemna wied bejn l-iġbla, għoljin m'ogħla s-sema, u rampa fuq il-lemin, tielgħa mxebilka mal-iġbla ta' dik in-naħa. Din il-muntanja kienet Ġebel Musa, li skond il-għidut tal-qedem, hi l-Muntanja Sinaj, li fuqha Mosè ltaqa' m'Alla l-Imbierek, dam ħdejh erbgħin nhar u erbgħin lejl, u ħa' l-Liġi minn għandu, fil-waqt li l-Isrēlijin baqgħu jistennewh fil-wied, isfel.

Għal dan il-Ġebel hemm żewġ triqat: jew din li konna sa naqbdu, li m'hix għajr telgħa, ħelwa-ħelwa malġenb tal-muntanja, nkella min-naħa l-oħra, fejn hemm taraġ wieqaf, b'aktar minn tlett elef tarġa. Ħaffruh il-Patrijiet bis-sabar kollu, għal kumdità tal-Pellegrini. Il-Professur North għaddiena mir-rampa, u hekk kien jaqbel, biex imbagħad ninżlu mittaraġ.

Imxejna ftit u qbadna t-telgħa. Sa kemm bdejna kollox sewwa, tista' tgħid, bqajna qaqoċċa flimkien; iżda aktar ma bdejna nimxu, aktar bdejna nitferrxu, u kull ħadd beda jaħseb għar-rasu. Min jgħaġġel, min jeħodha bil-lajma, min jieqaf jistrieħ . . . sa kemm sibna ruħna sarbut twil-twil, ma' tul ir-rampa kollha. Min jieqaf iħares lura lejn il-wied ta' taħtu, inkella 'l bgħid lejn il-qċaċet tal-iġbla, li aktar ma titla' 'l fuq, aktar jiżdiedu u jisbieħu, fil-lwien u fis-sura tagħhom; min jixrob xi belgħa ilma, u min jitħaddet.

Jiena qbadt ma' ġemgħa Amerikani-Latini, u waħħalnieha f'rasna li naslu fuq il-quċċata, 7,500 pied

għoli, qabel kull ħadd; u rnexxielna! Wara xi sagħtejn telgħin, bil-lajma l-lajma, insibu ruħħna fuq quċċata, fuq nett, ħdejn daqs xej ta' kappella żgħira, li taf il-bidu tagħha minn żmien il-Biżantini jew qabel. Ma' dwarha ħafna fdal u frak tal-irħamijiet, xhieda ta' knejjes oħra, bil-wisq eqdem mill-kappella tal-lum. Ma' dwarha, blat, iswed, jiebes, tal-granit, mill-bqija xej. Ġewwa, mbagħad, issib artal bil-ktieb tal-Vanġelu fuqu, bħal ma tara fil-knejjes kollha Griegi. Hawn, Sagrament ma hawnx; iżda fi knejjes oħra, issib ukoll is-Sagrament; ikun merfugħ ġewwa ħamiema tal-fidda, imdendla mit-tribuna, fuq artal. Mad-dawra hemm pittura b'dehriet tat-Testment il-Qadim, u hemm ukoll il-"Visitors' Book", tal-parċimina. Fih issib ismijiet ta' nies kbar u żgħar, foqra u għonja, għorrief u njuranti, li ġew minn bgħid u minn qrib biex iżuru l-quċċata ta' Sinaj minn fejn Alla tagħa l-Liġi tiegħu. U dawn il-Pellegrini ma ġewx il-lum jew il-bieraħ, iżda mijiet ta' snin ilu, u jibqgħu jiġu sa kemm iddum wieqfa l-knisja mqaddsa. U jien ukoll, u sħabi, niżżilna isimna fuq dik il-parċmina li ma tintemm qatt, bis-saħħa tal- għożża li jgħożżuha l-Patrijiet Griegi.

Dawk li kienu sa jqaddsu fuq il-muntanja, ħarġu l-affarijiet, jiġifieri l-abiti sagri u l-kalċijiet żgħar, li konna nġorru magħna kull fejn immorru. Kellna korporali li kienu jistgħu jintużaw flok ir-rħama; konna nifirxuhom fejn inkunu sa nqaddsu u niddubbaw kif nistgħu. Il-ftit li kienu sa jqaddsu, ħejjew ruħhom malajr u bdew il-quddiesa. Trid tara hemm, l-offerta tal-quddiesa fejn darba l-Mulej Alla deher lil Mosè u tah il-Liġi l-Qadima! Mosè wkoll offra sagrifiċċju, b'tifkira u figura tas-sagrifiċċju li kellu jwaqqaf Ġesù Kristu, mijiet ta' snin wara. U hawn, issa, dan is-sagrifiċċju qegħdin noffruh aħna, fost il-ġmiel tal-muntanja. fejn ir-ruħ ma tistax ma tħosshiex qrib lejn Alla, l-Ħallieq tagħha.

Kif kull ħadd temm il-quddiesa u kiel xi ħaġa milli ġibna magħna, il-Professur ġabarna ħdejh u beda jfissrilna l-punti ewlenin tar-rakkont Bibliku tas-Sinaj u tal-postijiet fejn ġraw il-ġrajjiet hekk importanti fl-istorja tad-dinja kollha kemm hi.

Mill-quċċata wieħed jista' jilmaħ ma' dwaru ċirku kbir ta' qċaċet tal-iġbla ta' Sinaj; aktar ma dan iċ-ċirku jitwessa' u jitbiegħed, aktar jitbiddlu l-lwien minn iswed jgħaddi għall-ikħal, u l-ikħal jintemm fl-abjad, sa kemm imiss ix-xefaq tal-Baħar l-Aħmar, fuq iż-żewġ naħat tal-Peniżla ta' Sinaj: il-Golf ta' Swejz naħa, u l-Golf ta' Għaqba, in-naħa l-oħra. Hi dehra li trid taraha, biex tifhem sewwa kif inhi; u jekk taraha darba, ma tinsieha qatt aktar. Fost dak il-ġmiel tal-ħolqien, xhieda ħajja tal-kobor u l-għerf u l-qawwa u s-setgħa t'Alla, Mosè ra l-Glorja tal-Mulej, u ha minn għandu l-Liġi li kellha tmexxi l-Poplu ta' Israël lejn Kristu, sa kemm seħħet il-Fidwa.

Kif l-Israëlin waslu ħdejn Sinaj, waqqfu l-għerejjex tagħhom fil-wied, taħt ir-riħ tal-iġbla. Mosè tala' fuq il-Muntanja u hemm Alla qallu li jekk il-Poplu jwiegħed li joqgħod għal li għidlu Hu, ikun il-Poplu tiegħu. "Intom rajtu x'għamilt lill-Eġizzjani, u rfajtkom fuq ġwienaħ ta' ajkla u ġibtkom lejja. U issa, jekk intom tisimgħu tajjeb kliemi, u tħarsu l-għaqda tiegħi, tkunu l-maħturin tiegħi fost il-ġnus kollha, għax tiegħi hi l-art kollha. Intom tkunu għalija

saltna ta' qassisin, ġens imqaddes" (Esodu, XIX, 4—6).

Il-Poplu wiegħed li jagħmel li jgħidlu l-Mulej. Mosè raġa' tala ħdejn Alla. Il-Mulej kellu jidher u jkellem lil Poplu minn fuq il-quċċata tlett ijiem wara." U fit-tielet jum, massebħ, kien hemm ragħad u beraq, u sħaba sewda fuq il-Ġebel, u daqq ilbuq iżarżar qawwi; u n-nies kollha li kienu fil-għarejjex triegħedu. U ħareġ Mosè u n-nies mill-għarejjex, jiltaqgħu m'Alla, u waqfu għal taħt il-ġebel. U Ġebel Sinaj kien idaħħan kollu, kien niżel fuqu l-Mulej fin-nar; u kien tiela' d-duħħan tiegħu bħal duħħan ta' forn. Kien jitheżżeż il-Ġebel kollu qatiegħ, u kull ma jmur kien iżjed jitqawwa daqq illejn il-Mulej. Ma jistax il-Poplu jitla' Ġebel Sinaj, għax int wissejtna u għidt: 'Agħmel mifred ma' dwar il-Ġebel, u żommu b'imqaddes'. Qallu mbagħad il-Mulej: 'Mur, inżel u arġa' itla', int u Arun miegħek Imma l-qassisin u n-nies ma jersqux biex jitilgħu ħdejn il-Mulej, li ma jħebbx għaliehom'. Niżel Mosè, ħdejn il-Poplu" (Esodu, XIX, 16-25).

Mosè mbagħad qralhom il-Liġi kollha. Huma ġeddew il-wegħda li kienu għamlu qabel u offrew is-sagrifiċċji. Mosè raxxhom bid-demm tal-vittmi u lissen dan il-kliem: "Dan hu demm l-Għaqda li rabat il-Mulej magħkom fuq dan il- kliem kollu" (Esodu, XXIV, 8). U bl-istess kliem, u s-sagrifiċċju tiegħu n-nifsu, kellu



*Sinaj — Il-wetgħa, bil-kappella ta' Sant Elija, u qrib tagħha is-siġra taċ-ċipress, wieqfa-wieqfa.*

buq; Mosè jitkellem u Alla jwieġeb f'ragħda. Niżel mela l-Mulej fuq Ġebel Sinaj, u fuq ras il-Ġebel. U tala' Mosè. Qal imbagħad il-Mulej lil Mosè: 'Inżel wissi lin-nies biex ma jersqux iżjed lejn il-Mulej biex jaraw, li ma tmutx xi kotra minnhom. U l-qassisin ukoll li jersqu Ġesù Kristu jwaqqaf il-Għaqda l-Ġdida.

Mosè raġa' sab ruħu fuq il-Muntanja għal erbgħin jum. Il-Poplu ddejjaq u ġiegħel lill-Arun jagħmillu għoġol tad-deheb, biex jadurah, għax Mosè kien telaqhom. Hekk ħasbu. Mosè niżel bit-Twavel tal-Liġi u

meta ra dak it-tradiment tal-poplu, kisser it-twavel. Alla kien lest jikkastiga l-poplu kollu u jeqerdu għal kollox, iżda Mosè talab għalihom. Alla raġa' tah it-Twavel, u wara li kkastiga lil dawk li kienu xewwxu l-poplu, raġa' ħadhom taħt il-ħarsien tiegħu. Mosè, fuq il-Muntanja, mħabba t-tlaqqiegħ tiegħu m'Alla, tbiddel wiċċu, hekk li l-poplu ma felaħx iħares lejh u kellu jgħatti wiċċu bi star.

mejna, il-ħin daħal ġmielu, u rħejnielha lejn il-Monasteru. Din iddarba ħadna triq oħra, jew aħjar, għaddejna min-naħa l-oħra tal-muntanja, fejn hi aktar wieqfa, iżda l-Patrijiet ħasbu biex bis-sabar kollu ħaffru taraġ, ta' m'hux anqas minn tlett elef tarġa; il-ħażin hu li m'humiex kollha daqs wieħed, għal hekk jgħajjuk xi ftit ,u jekk ma toqgħodx b'għajnejk miftuħa, malajr tħalli riġlejk hemm. Imma aħna dak il-



*Sinaj — Dehra tal-Monasteru ta' Santa Katarina, kif wieħed ikun nieżel minn Ġebel Musa.*

Din hi l-ġrajja ta' Sinaj, fil-ġrajjiet ewlenin tagħha; ġrajja li kellha tagħti bidu għal ħajja ġdida tal-poplu ta' Israël; kellha tibda t-triq għal Ġesù Kristu u għas-salvazzjoni tad-dinja. Mill-quċċata ta' Sinaj, imdawra minn dak il-ġmiel u l-kobor kollu tal-ħolqien, stajna nħossu aktar x'jiġifieri l-kelma t'Alla, ħanin, daqs kemm hu qawwi u għaref.

Sa kemm għadda dan kollu li semħin ma qisna xejn minn dan. Quddiemna kien hemm, il-bogħod il-bogħod, lejn ix-xefaq, il-Baħar l-Aħmar; ma' dwarna, mbagħad, il-glorja tal-iġbla ta' Sinaj; u taħtna l-irdum tal-wied, bil-qliegħ tiegħu jħaddar bil-palm, il-banana u l-frott.

Wara ftit minuti li konna ilna neżlin, insibu ruħna f'daqs xej ta' wesgħa qisha setaħ, tħares għal fuq il-wied. Hawn tinsab knisja żgħira

f'ġieħ Elija; ma' ġenbha dwejra oħra u siġra taċ-ċipress wieqfa, fuq qaddha, qisha qegħda tgħasses dawk l-inħawi jwaħħxuk. Hawn il-Patrijiet jiġu darba jew tnejn fis-sena, iqaddsu u jerġgħu lura lejn il-kunvent. Jgħidu mill-qedem, li meta Elija ħarab mill-Palestina imħabba s-sultana Ġeżabel, kif naqraw fl-Ewwel Ktieb tas-Slaten, waqaf hawn f'daqs xej ta' għar sa kemm fl-aħħar deherlu Alla u ordnalu li jarġa' lejn pajjiżu.

Bqajna neżlin. Dħalna fi rdum li minnu jgħaddi t-taraġ. Hawn issib mogħdija dejqa, imsaqqfa bi ħnejja fil-blat, kemm-kemm jgħaddi bniedem. Hawnekk ġie żmien meta kien hemm Patri Stiefnu li kien miżmum b'qaddis minn sħabu, li kien joqgħod f'din il-mogħdija jilqa' l-Pellegrini li jkunu telgħin fuq il-muntanja. Dawk li kien jidhirlu li jisthoqqilhom jitilgħu, kien iħallihom jgħaddu; dawk li ma kienx jixirqilhom li jżuru l-Muntanja Mqaddsa, kien ireġġagħhom lura. U miegħu kif jgħidu l-Patrijiet, ma kontx tiċċajta. Dawk li kien iħalli jgħaddu, kienu jmorru jqerru għand wieħed Patri li kien ikun hemm apposta.

Fl-aħħar beda jfiġġ il-monasteru. Bdejna nħossu l-għejja kollha, u stħajjilna li nxommu r-riħa tfuħ talikel li kien qiegħed jistenniena. Nofs inhar kien ilu li daqq; ix-xemx kienet saħnet ġmielha, u kienet għodha ħaditna l-lanja tax-xagħri. Minn hemm fuq, il-monasteru tistħajjlu fortizza, u ta' bilħaqq, hu mibni biex jagħmilha wkoll ta' fortizza. Wasalna, dħalna mill-bieb id-dejjaq, u wara doċċa friska, morna nieklu ikla bilkif.

## IZ-ZEWG TALLABA

Quddiem il-bieb tas-Sultân, kienu jmorru jitolbu żewġ tallâba. Wieħed kien jgħajjat: "Allâh Kerîm!" (*) u l-ieħor: "Ja Allâh, agħti s-saħħa lis-Sultân!" Darba s-Sultân għajjat lil Ważîr u qallu: "Hemm dawk iż-żewġ tallâba, quddiem il-bieb, agħtihom ħasi mixwi kull wieħed. Imma lil dak li jgħajjat: 'Allâh Kerîm', tih il-ħasi moħxi bil-ħaxu, u lill-ieħor, li jitlob għalija, agħtihulu moħxi bil-flus tad-deheb".

Hekk għamel il-Ważîr. Imma kif it-tallâb li jgħajjat 'Allâh Kerîm' ħa l-ħasi, u kien sejjer lejn id-dar, l-ieħor għajjatlu u qallu: "Tridx inbiegħlek il-ħasi tiegħi, ħalli jkollok tnejn? Jien flûs irrid, u ma għandix mara u wlied, bħal ma għandek int, lil min nitimgħu!"

It-tallâb tal-ewwel wiegħbu: "Jien kieku nixtrih, imma ma għandix fuqi ħlief bixlik (ħames soldi u nofs)". "Kollox sewwa,", qallu l-ieħor, "ħu l-ħasi u agħtini l-bixlik". U dak xtara l-ħasi u mar lejn id-dâr.

It-tallâb, kif qasam il-ħasi u sabu moħxi bid-deheb, feraħ ma nafx kemm. L-għada kera kamra fis-sûq u rama ħanût u beda jbiegħ. Imma t-tallâb l-ieħor raġa' mar jitlob quddiem bieb is-Sultân, bħal ma dâri. Semgħu s-Sultân, u stagħġeb għall-aħħar, kif mar jitlob hemm millġdid, u bagħat lil Ważîr isaqsih x'kien għamel bil-ħasi li qala' l-bieraħ. Qallu t-tallab: "Begħetu lil sieħbi bixlik, għax jien ma nħobbx l-ikel, inħobb il-flûs." Il-Ważîr mar u baxxar b'dan lis-Sultân, u s-Sultân wiegħbu: "Issa qiegħed nara li Allâh aktar iħobb lil min ifaħħar lilu, inkella lil min jixtieq il-ġid lili!"

(*) "*Kerîm*" *jiġifieri* "*li jipprovdi*", "*ġenerus*".

# IS-SIGRA TAL-MADONNA F'MATARIJA

Mill-Kajr sa Matarija, daż-żmien, tista' tmur f'għoxrin minuta; imma fiż-żmien li r-rkub kien isir biss fuq l-iġmla u l-ħmir, ma kontx tasal f'anqas minn sagħtejn. Jekk imbagħad taħseb li Ġesù u Ommu, Mirjam, anqas biss kellhom ħmara fuqhiex jirkbu, u li Ġesù kien għadu żgħir ħafna, tifhem malajr, li għal kemm telqu mill-Kajr fil-għodu bikri, ma waslux Matarija ħlief għal xi nofs inhar.

Dak il-ħin, is-sema kien donnu koppla taċ-ċomb abjad. Ix-xemx twaddab ir-raġġi jaħarqu tagħha fuq it-toroq tar-ramel jikwi. Ma' tul ittriq kollha ma nħassetx fewġa li fewġa, u mis-siġar ma ċċaqalqitx werqa. Mirjam u Ġesù kienu mexjin qalj-qajl, kemm-kemm jifilħu jitħarrku taħt dik ix-xemx ħarxa; il-għaraq ta' xbinhom nieżel ma' wiċċhom, u jqattar fl-art, u griżmejhom niexfa qoxqox bil-għatx.

Mirjam, kieku setgħet, kienet tħallas il-ftit tal-flus żgħar li kellha f'butha biex tixtri bieqja ilma għal binha, li għal kemm ma qalx kelma, kienet tarah, ta' kull ħin, jgħaddi lsienu fuq xufftejh niexfa, u jieħu nifs qawwi, biex iberred griżmejh. Dak is-sajf kien sajf ta' sħana aqwa minn sjuf oħra, li qata' n-nixxiegħat u ġiegħel jitfarfar iż-żahar minn fuq is-siġar; nixxef il-ħaxix, u xaqqaq saħansitra il-qiegħa tal-art jiebsa.

Mirjam ferħet meta rat l-ewwel djar bojod ta' Matarija. Qrib irraħal kien hemm bir li jimla minnu kull ħadd. Mela, ħasbet, il-għatx li kien ilu jaħqarhom is-siegħat, lilha u liċ-ċkejken tagħha, kien qorob għal tmiemu!

Imma l-bir ta' Matarija ma kienx bir bit-taraġ, li jibqa' nieżel sa xifer l-ilma, bħal ma kien il-bir ta' Silwan f'Ġerusalem. Anqas ma kien għamla ta' ħawt, li l-ilma tiegħu jasal sa fommu, li setgħu jixorbu minnu billi jgħaqqdu kaffejn idejhom ma' xulxin, u jerfgħu l-ilma bihom, bħal bieqja. Dan kien bħal bir ta' Ġakobb, fil-wied ta' Sikar: bir imħaffer fil-blat, u bil-fuqani tiegħu mibni bil-ħaġar, u fuq fommu ħerża. L-ilma ta' dan il-bir ma kienx biered wisq, anqas ħelu wisq, imma sħajjen, u jagħti fl-imluħa. B'dana kollu, billi ma kienx hemm ħliefu, in-nies ta' Matarija kienu jgħożżuh, u fuqu għamlu ġarriera, u magħha mdendel ħabel bis-satall, biex min ikun għaddej, jekk ikun bil-għatx, jixrob minnu.

Imma meta resqu fuq il-bir, Mirjam u binha, inħasdu, għax is-satal ma kienx hemm; xi tfal imqagħrba, jew xi Fellah li kien għaddej, jaraw li ma kien hemm ħadd iħares, ħallew l-ħabel bis-satal b'kollox u ħaduhom. Iċ-ċkejken Ġesù, jara hekk, li t-tama li kellu fallietlu, ħariġlu d-dmugħ minn għajnejh, u mar xteħet fl-art bil-qegħda, fid-dell ta' ġummajża nofsha meħrufa, fuq roqgħa ħaxix niexef. Biex jimlew l-ilma ma kellhomx; biex jixorbu, kellu jiġi jimla xi ħadd; kellhom mela, jistennew, min jaf sa meta!

Damu jistennew biċċa sewwa. Flaħħar jaraw ġej qassis Pagan, talalla Api, li kellu miegħu lsir b'satal

u ħabel f'idu. Ġesù, jara lil-lsir jimla l-ilma, resaq bil-qima lejn il-qassis u qallu: "Ja sid, Ommi u jiena għatxanin wisq, u ma għandniex biex nimlew l-ilma; trid, jekk jogħġbok, tagħtina ftit ilma mis-satal, tiegħek, biex nixorbu?" Il-qassis xeħet ħarsa kerha lejn it-tifel, li minn ħwejġu kien jidher li hu Lhudi,



*Matarija l-Eġittu, ħada l-Kajr — Is-siġra tal-ġummajż, nofsha niexfa, li qagħdu għad-dell taħtha Ġesù Bambin u Ommu Marija, ma' ġenb il-bir tar-raħal.*

u li kien bin il-foqra, u wieġbu bil-herra: "Ma rridx li s-satal tiegħi jmissuh nies foqra u għariba bħalkom. Kif nista' nqaddem l-ilma lill-alla tiegħi, jekk is-satal li bih imlejtu, ikun imniġġes bix-xuftejn ta' nies tax-xorta tagħkom?" Għal hekk amar lil-lsir li jbidded fl-art l-ilma li kien fadal u jimxi miegħu lejn ir-raħal.

Għadda ftit tal-ħin, u deher ġej raġel ieħor, riekeb fuq ħmar imżejjen, li kif ra l-bir, niżel, u ġieb satal u ħabel, u mela l-ilma u xorob, u seqa lil ħmaru. Kif ra dan, iċ-ċkejken Ġesù resaq lejh u talbu: "Ja sid, Ommi u jiena bil-għatx ħafna; u ma għandniex satal biex nimlew l-ilma. Jekk jogħġbok, henn għalina, u agħtina ftit ilma mis-satal tiegħek!" Dak ħares lejn it-tifel, flieħ minn fuq s'isfel, għaraf li kien Lhudi, u kemmex xuftejh u ċaqlaq rasu, u rikeb il-ħmar, u bla ma tkellem, baqa' sejjer.

Stennew ftit ieħor, u raw riesaq lejn il-bir wieħed bejjiegħ Lhudi. Qalb Mirjam inmtliet bit-tama għaddehra ta' wieħed mill-art tagħhom. Ġesù, jarah jimla, talbu ftit ilma; imma anqas dan ma kellu ħniena. Ħares b'ħarsa ta' tmaqdir lejn iċ-ċkejken u Ommu, u qal b'leħen imqit: "Xi dwejjaq, dawn it-tallaba! Dejjem jiġru wara dak li jkun u jittallbu! Ħtija tagħhom anqas belgħa ilma ma tista' tixrob bis-sliema!" U telaq jgħaġġel lejn ir-raħal.

Qabel laħaq għab il-Lhudi, dehret ġejja mara Masrija. Kienet fqira, bħal Mirjam, jekk m'hux aktar minnha. Kienet tidher imnikkta u għajnejha bid-dmugħ, u qisha anqas intebħet bihom. Imliet iż-żir u kienet sejra, meta ċ-ċkejken Ġesù resaq lejha u qalilha: "Mara, jekk jogħġbok, trid tagħtina ftit ilma miż-żir tiegħek, biex nixorbu Ommi u jiena? Għandna l-għatx, u ma għandniex biex nimlew l-ilma."

Il-mara bil-għagla newwlet iż-żir lill Mirjam, li sqiet lil Binha u xorbot hija; u newwlet iż-żir lill mara u

żżietha ħajr bil-qima. Il-mara qegħdet idha fuq xagħar Ġesù u qaltlu bid-dmugħ f'għajnejha: "Jien ukoll għandi tifel daqsek! Bħalek sabiħ, u bħalek tajjeb u bil-għaqal, imma m'hux qawwi sħiħ bħalek! Minn ġimgħa 'l hawn qabdu deni qawwi, u qegħda nibża' li dal-waqt imutli! Biex inxarrablu wiċċu, ħalli ntaffilu s-sħana, ġejt hawn nimla daż-żir bl-ilma!" U bdiet tibki.

"La tibkix, mara!" qalilha Ġesù, ijħares lejha. "Isqi ftit ilma lill-ibnek, minn dan li xrobt minnu jiena, u tara kif malajr jgħaddilu, u jieħu s-saħħa. Talli int kont twajba magħna, u tajtna nixorbu, lili u 'l Ommi, jiena wkoll irrid inkun tajjeb miegħek. Mur bis-sliema; jitqawwa t-tifel tiegħek!"

U l-mara l-Masrija ħasset fiha twemmin sħiħ fil-kliem ta' dak it-tifel Lhudi, u marret lejn id-dar, u sqiet ftit ilma lit-tifel, u xarrbitlu wiċċu, u f'daqqa d-deni għaddielu!

* * *

Il-għada fil-għodu jkien hemm ġemgħa kbira ta' nies ħada l-bir ta' Matarija; kull ħadd mistagħġeb! Għax l-ilma ta' dak il-bir, minn sħajjen, sar kiesaħ, u minn mielaħ, sar ħelu manna! U s-siġra tal-ġummajż, minn meħrufa, mtliet bil-frott u l-weraq; u l-ħaxix ta' taħtha, minn niexef, ħdar, u bejnu, nibet xitel tal-balsmu, ijgħaxxi bil-fwieħa!

U sal-lum, f'Matarija, fl-Eġittu, għadhom imorru n-nies, jixorbu minn Bir il-Ħelu, u jżuru Ġnien il-Balsmu, li nibet fejn qattar il-għaraq taċ-ċkejken Ġesù, u jbusu l-ġummajża, il-lum mejta, li tat id-dell tagħha lil Ġesù u lill-Ommu.

FRA KRISPIN O.F.M.

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Il-kotra tagħleb ix-xaġâgħa.* "Xaġâgħa" tfisser qlubija, *kuraġġ*; il-bqija tal-kliem kollu Malti. Irid jgħid il-qawl, li drabi m'hux għajb li l-bniedem jingħaleb, meta għal wieħed ikun hemm żewġ egħdewwa jew tlieta. Bil-Malti ngħidu: "Il-kotra tagħleb is-saħħa".

*Il-ekel luqme-luqme, wax-xireb qubbe-qubbe.* L-ikel (għandu jkun) loqma-loqma (bil-ftit il-ftit) u x-xorb boqqa-boqqa. Fi kliem ieħor, l-ikel u x-xorb għandu jkun bil-qajl, għax jekk tiekol u tixrob bil-għaġla, in-nies jgħidu li donnok qatt ma rajt ħniena t'Alla; u huwa ħażin għas-saħħa.

---


## GĦAL AWISSU LI ĠEJ:—

# PELLEGRINAGG MALTI GHAT-TERRA SANTA

**Immexxi Mill-Wisq Reverendu**

**Patri Lettur NIKOLA MAGRO O.F.M.**

**ID-DETTALJI JINGHATAW 'IL QUDDIEM.**

# MIN KIENU IL-GNOSTKI. (*)

(*Din il-kitba meħuda u mqassra mill-ktieb: "Manuale di Storia Ecclesiastica" miktub mir-Rev. P. Albers. D. C. D. G. mitbugħ fl-istamperija Pontifiċja ta' Torin fl-*1913.)

Id-dîn, jew filosofija tal-Gnostki, isthajjilha sigra b'ħafna frieghi, li, kull fergħa ma hix sewwa-sew bħall-oħra. Għax il-Gnostki kienu għadd kbîr ta' nies, maqsumîn f'xirkiet, li dafru ma' xulxîn, ħafna tagħlîm u fehmiet tad-djiena u tal-għerf Xerqija, mat-Tagħlim Nisrâni. L-ewwel ħaġa li jiċħdu hi t-tagħlîm tal-ħolqien, kif jgħiduh l-Insâra; u jdaħħlu bħal bidla t-tagħlîm u l-fehmiet tagħhom, tal-*emanazzjoni*, jew "tnissîl" u d-*dwaliżmu*, jew iż-"żewġt irjûs" (Alla u l-materja), li minnhom inħalaq l-univers; u b'dan ukoll ifissru l-miġja ta' Kristu fid-dinja u l-fidwa tagħha minnu. Il-ħrejjef tal-allât tal-Pagani, il-misteri tagħhom, u saħansitra l-astroloġija, huma mdaħħlîn ukoll fit-tagħlîm tal-Gnostki. Il-Kaldîn, l-Indjani, is-Surijîn u l-Masrijîn, kollha għandhom xi ħaġa li l-Gnostki daħħlûha fit-tagħlîm tagħhom. Il-Fidi bidlûha mal-*Gnosi*, li kienet bħal għelm, imħallat b'fehmiet ta' wisq xorta, li n-nies tax-xirkiet tagħhom kienu jemmnu li huma biss kellhom il-ħîla li jagħarfuh sewwa; u għal hekk semmew lilhom infushom "Gnostki", jiġifieri l-*Imgħarrfîn*.

Il-Gnostki kienu jgħidu: "Jekk Alla huwa bla tarf, u tajjeb f'kollox, mela, minn fejn huwa ġej id-deni li naraw fid-dinja?" U: "Kif jista' Alla, li hu Rûħ safja, ikun il-ħallieq ta' dinja materjali?" U din l-oħra: "Minn fejn hu ġej il-għemîl ħażîn li jagħmlu n-nies, jekk Alla li ħalaq in-nies, huwa tajjeb u siedaq bla tarf?" It-tweġiba għal kull mistoqsija minn dawna, li hi mogħtija sa fil-kotba tal-Għaqda l-Qadima, għaliehom ma hix biż-żejjed. Anqas it-tagħlim tal-Insâra fuq kif sata' Kristu jifdi lid-dinja, ma kien jogħġobhom. Għal hekk, xeħtu kollox wara daharhom, u hejjew ruħhom biex ijsîbu tweġibiet kif jaqbel u jogħġob lilhom. Hekk, minn zokk u għerq waħda (jiġifieri mit-"tnissîl", jew fehma li kull ħaġa tnisslet minn oħra; u miż-"żewġt irjus", Alla u l-materja) ħarġu dawk ix-xirkiet Gnostki kollha li kellhom bħal xulxîn dan li sa nsemmu hawn taħt.

a). Alla huwa dagħbien li ma jistax jinqies (bil-Grieg: *Bythos agnòstos*), u huwa l-bidu ta' kull ħâġa perfetta. Ma tistax tagħmel ħjiel tal-mogħdija minn dak li hu "bla tarf", għal dak li hu "bit-tarf", jekk qabel ma ddaqqasx lill-Alla; u minn kollu tagħraf biss sehem minnu. La darba jitwemmen li Alla jaħseb; li Alla hu qawwi; li hu jgħîx; li hu għaref u li hu qaddîs, mela l-egħmejjel tiegħu joħorġu minnu. Dawn il-egħmejjel, aktar ma jitbiegħdu minnu, aktar tonqos it-temma jew *perfezzjoni* tagħhom; b'dana kollu dejjem jibqa' fihom xi sehem żgħîr minnu. L-isem ta' dawn il-egħmejjel kollha flimkien, huwa eön (bil-Grieg: *aiòn*, jiġifieri *ta' dejjem*) li għad li ma jagħarfux lilhom infushom, huma f'Alla minn dejjem ta' dejjem. Il-għaqda flimkien ta' dawn l-eöni (li l-għadd tagħhom kif iżommu x'uħud, huwa 365) tissemma *Plèroma*, jew: *Milja tal-Ħajja t'Alla*. Kif jemmnu wkoll xi xirkiet tal-Gnostki dawn l-eöni huma

rġiel u nisa, u joqogħdu dejjem tnejn-tnejn, raġel u mara, flimkien.

b). Biex jifissru l-bidu tad-dinja, li tidher u tinħass, il-Gnostki kienu jemmnu li kien hemm bħal alla ieħor minn dejjem, li hi l-*materja* eterna (bil-Grieg: hyle), jew dik il-ħâġa li Gnostki oħrajn jgħidulha s-saltna tad-dlamijiet, li kellha bħala sidha lill-Emîr id-Dlâm. Mill-eön tal-aħħar Plèroma jew *għaqda*, għadda sehem żgħir mill-qawwa tal-ħajja t'Alla għal materja; jew kif jgħidu oħrajn, ħadha b'saħħa Emîr id-Dlâm, u hekk ġara li l-materja saret ħajja. Imbagħad id-Demijurgu (jiġifieri għammiel id-dinja), li kif jifhmu ħafna kien eön minn tal-aħħar, kif jgħidu oħrajn kien qaddej ta' Emîr id-Dlâm, sawwar din id-dinja tal-materja u ħażîna, u n-nies ukoll. Nies id-dinja jinqasmu fi tliet qasmiet: il-Pnewmâtki, (jew Ruħijin) li fihom il-materja mdawla tal-Plèroma hija aktar mill-materja mdallma, li huma l-Gnostki nfushom; il-Psîkiki (jew Hajjîn), li fihom il-materja mdawla u l-materja mdallma huma daqs xulxîn, li huma l-Insâra; u l-Iliki (it-Tajnîn), li fihom il-materja mdallma hija aktar mill-materja mdawla, li huma l-Pagâni. Id-Demijurgu li sawwar id-dinja u n-nies li fiha, huwa wkoll il-Ħâkem tal-Univers, u kien hu dak li għamel il-Għaqda l-Qadîma, jiġifieri d-Djiena tal-Lhud li kellha tħejji lin-nies għal Fidwa.

c.) Dan id-Demijurgu ġej minn Alla l-Kbîr (bythos) u l-għan tiegħu hu li jeħles il-materja l-imdawla mill-jasar tal-materja l-mudlama. Għal hekk kien mibgħût eön emîn li jismu Kristu, jew il-Ħellies (Sòter), jew xi isem ieħor. Kif jemmnu ħafna xirkiet tal-Gnostki, dan l-eön ma hux mill-aktar għoljîn (jiġifieri qrîb lejn Alla), u fl-ebda xirka ma hu magħdud b'li hu nies ta' bil-ħaqq. Kif jgħîdu l-Gnostki ta' Lixandra, dan l-eön (jiġifieri Ġesù), waqt il-magħmudija fil-Ġordân, ingħaqad ma' wieħed min-nies, Kristu. Is-Surijîn li kienu jgħoddu l-materja bħala ħażîna għal kollox, kienu jemmnu li dan l-eön ma kellux ġisem tassew, imma hâ ġisem fid-dehra biss (id-Doċeti). Kristu għallem it-tagħlîm Gnostku lin-nies, u l-aktar li għallem kif għandhom jegħelbu u jżommu taħt jeddhom il-materja. Kif kienu jgħîdu x'uħud, it-tbatija ta' Kristu, kienet x'kienet (tbatija minnha jew tbatija li tidher biss), kellha wkoll dan il-għân; imma kif jgħîdu oħrajn, il-ħtija tagħha hu d-Demijurgu, biex iżomm taħt jeddu lin-nies tad-dinja. Il-Fidwa, kellha s-siwi sħîħ tagħha għal Pnewmâtki (Gnostki) biss. Il-Psîkiki (l-Insâra), għandhom xi tama; l-Iliki (il-Pagâni), ma għandhom xej.

d). Il-qawma tal-imwiet, sewwa ta' Kristu kemm tan-nies kollha fl-aħħar tad-dinja, ma tissemma xej fit-tagħlîm tal-Gnostki.

e). Tmiem id-dinja jkûn: ir-rġugħ tal-għaqda flimkien, jew Plèroma tal-frâk kollu tal-materja mdawla. Imbagħad il-materja l-imdallma, jiġifieri s-saltna tad-Dlamijiet, tkun imgħarrqa fil-mewt u d-dlâm. Dawn il-ġrajja kienu jgħidulhom bil-Grieg: *Apokatàstasis*, jiġifieri: tiġdîd tal-Univers.

f). Id-drawwiet jew *morâli* taxxirkiet tal-Gnostki, ma kienux ta' kollha xorta waħda. Dawna kienu jkunu jaqblu mal-fehma li jkollhom fuq id-Demijurgu. Id-drawwiet tal-Gnostki ta' Lixandra, kienu mbiġġlin, bejn tajbîn u ħżiena, għax il-fehma tagħhom kienet li d-Demijurgu

kien għodda f'idejn Alla. Kellhom qîma lejn iż-żwieġ, li kienu jaħsbu li kien xbîha tal-għaqda fit-tiżwiġ tal-eöni. Imma x-xirkiet tal-Gnostki tas-Surija kienu jqîsu lid-Demijurgu bħala alla ħażîn u għadu, għal hekk bħâlu kien ħażîn il-ħulqien kollu. Għal dan kellhom mibgħeda kbîra lejn id-dinja tad-Dlâm. U uħud minnhom kienu jinfexxu dil-mibgħeda billi jkunu ħorox ma' kollox u ma' kull ħadd, saħansitra magħhom infûshom (Enkratiti). Oħrajn kienu jûru dil-mibgħeda billi jiksru kemm jistgħu l-liġijiet kollha, naturâli u morâli (l-Antitatti u l-Antinomisti)

Il-Gnostki kienu jinsâbu saħansitra fi żmien l-Appostli. Kienu fl-aqwa tagħhom għal ħabta tat-Tieni u t-Tielet seklu; imbagħad bdew jonqsu bil-ftit il-ftit, sa kemm kienu għoddhom għebu għal kollox għal aħħar tas-seklu Erbgħa. Wisq Gnostki fid-dieher kienu jibqgħu magħqudîn mal-knisja Nisranija, u kienu jagħmlu ta' bir-ruħhom li jemmnu. Kienu jżommu l-fehmiet tagħhom moħbija f'qalbhom, imma bil-moħbi kienu jagħmlu minn kollox biex jiġbdu lejhom kemm Insâra jistgħu. Meta ma jifilhûx aktar, imbagħad, kienu jitilqu u jmorru max-xirka li kienu l-aktar jaqblu magħha.

Fra EPIFANJU XARA
O.F.M.

---

(*). Is-sena l-oħra, fil-għadd 3 ta' dan il-Qari, f'nota faċċata 83, għedna li jista' jkun li xi darba niktbu xi ħaġa fuq il-Gnostki; hawn, żammejna kelmitna, u ġibna kitba qasira fuq x'kienu huma, u x'kienu jemmnu dawk in-nies. Kif jidher minn dil-kitba qasira ħafna mill-fehmiet tagħhom kienu qishom thewdin tal-imġienen; għax fl-aħħar hemm jaslu dawk li jidħrilhom li jafu dak li ma jistgħux jafuh. Il-Gnostki ntemmu għal ħabta tal-aħħar tas-seklu Erbgħa u l-bidu tas-seklu Ħamsa, imma il-lum ukoll hawn eluf kbar ta' nies li jemmnu tagħlim għarîb, bħal ma huma l-*Mormons*, il-*Jehova's Witnesses*, l-*Adventists* u oħrajn, li (nizżu ħajr 'l Alla), hawn Malta ma nafux bihom. Meta tara dan, tħossok donnok trid tgħîd li kellu raġun Brigella, meta (kif jgħidu n-nies) kiteb fuq bieb l-Isptar tal-Moħħ: PLURES FORIS QUAM INTUS (Aktar [imġienen] barra nkella ġewwa).

# QWIEL TAL-PALESTINA

Ħa li mfassad bi hubżak, jaġugħ kull meta xafek. *Min hu mdorri jiekol minn għandek, jagħtih il-ġugħ kull meta jarak.* Qawl tal-Għarab, li fosthom hemm ħafna faqar.

Għîxet in-nâs għala n-nâs; u l-kull għal Allâh. *Il-ħajja ta' kull bniedem għal bnedmin l-oħra; u l-ħajja ta' kull ħadd, għal Alla.* Jiftiehem sewwa.


*LEĦEN L-ART IMQADDSA*

*JIXTIEQ BARKA ĠID U SLIEMA*

*LIL QARREJJA TIEGĦU U LIL NIESHOM U LIL ĦBIEBHOM*

*FIL-MILIED U L-ISTRINA*

*U MA' TUL KOLLHA KEMM HI S-SENA L-ĠDIDA* 1963.

# DISA' XHUR FIS-SALT

(*Jorbot mal-aħħar ħarġa*)

Fis-Salt hemm għâda għariba: fil-Milied, u fl-Għîd il-Kbîr ukoll, qabel il-quddiesa ta' nofs il-lejl (għax sa mis-sena 1928, fiż-żmien li jien kont hemm kienet issir quddiesa f'nofs il-lejl fil-Għîd il-Kbîr ukoll) il-Matutin qabel il-quddiesa, ikantawħ bil-Għarbi, ir-rġiel tal-Parroċċa. Trid târa kull raġel m'ogħla hawn, fuq il-Presbiterju liebes *iċ-ċiber* u l-għabaj, u l-ħatta fuq râsu, ikanta l-lezzjonijiet bil-Għarbi. Qabel il-lezzjoni jbaxxi rasu lejn il-kurât u jkanta l-"Jube Domine bendicere" bil-Għarbi, u jgħid: *Bârek ja sâjed*!, itawwal il-vokali kemm jista', kif inhi d-drawwa t'hemmekk.

Drawwiet gharîba għandhom ukoll f'dak li hu żwieġ. Iż-żagħżugħ li jrid jiżżewweġ, ikollu jagħti l-flûs lil missier ix-xebba. Dak iż-żmien li kont hemm jien, ta' xebba li jkollha kollox kif imur, jiġifieri: tkun sabîħa żgħîra fil-għomor, f'saħħitha sew u bil-għaqal, kien jeħtieġ li jagħtih mitejn, jew mitejn u ħamsîn lîra. Ta' oħrajn, li ma jkunux sbieħ, jew li jkollhom xi nuqqâs, jew ftit kbâr fiż-żmien, jitħallas anqas. Ġie li l-missierijiet jibdlu l-bniet; jiġifieri: kull wieħed miż-żewġt irġiel, ikollu għażżwieġ tifel u tifla. It-tifla tal-wieħed, jiżżewwiġha t-tifel tal-ieħor, u bil-maqlûb, iṭ-tifla ta' dak jiżżewwiġha t-tifel ta' dan. Meta jsîr hekk, flûs ma jitħallsu xej. Il-bniet jiżżewġu l-aktar ta' ħmistaxer sena, u drâbi qabel ukoll. Jekk tifla taqbeż it-tmintax, tkun magħdûda li kibret iż-żejjed. Is-subjien jiżżewġu l-aktar bejn il-għoxrîn u t-tletîn sena, biex ikollhom żmien iġemmgħu l-flûs li jridu jâgħtu lil missier il-għarûsa. Jekk raġel jormol, qisu dejjem jarġa' jiżżewweġ, imqâr ikollu sebgħîn sena.



*Is-Salt — Kif jilbsu r-rġiel tat-Transġordanja Tal-lemin liebes il-farwa, u tax-xellug liebes il-għabaj.*

Nies li jibqgħu għożżieb għomorhom kollu minn rajhom, f'dawn l-artijiet ma jinsabux. Hemm irġiel li biex jiżżewġu jissellfu l-flûs u jdûmu mid-junîn is-snîn il-kbâr.

Mîn ikûn irîd jiżżewweġ, fit-Transġordânja, jibgħat joħtob lix-xebba m'hux ma' mara, kif kienu jagħmlu hawn Malta dâri, imma mal-kurât. Il-kurât ijmur, ma' missier il-għarûs u xi rġiel oħra għand missier ix-xebba, u joqogħdu jitħaddtu fuq mitt ħâġa barra minn fuq iż-żwieġ, għal kemm il-koll ikûnu jâfu għal fejn il-

taqgħu. Meta missier ix-xebba jġîb il-kafè lil dawk li ġew, il-kurât jaqbeż jgħidlu: "Ma nixorbûx kafè, anqas indûqu xej minn għandek jekk ma tagħtix bintek lil bin il-flien. Hu jagħtîk tagħha daqs hekk flus (jew nagħaġ, jew iġmla, jew baqar, etc.). U dak kif ikûnu miftehmîn minn qabel, jgħîdlu iwa. It-tieġ isîr filknisja bħal Malta, imma l-kliem tattberîk taż-żwieġ, il-kurât ikantaħ, jgħajjat u jtawwal leħnu kemm jiflaħ, biex iġibha bi kbîra kemm jista' jkûn. L-ikla tat-tieġ issîr id-dar.

Meta dak li jkun jiżżewweġ, ilmara tkun bħal bhima tiegħu; ara kemm, li l-Għarab għandhom dan ilqawl: *Il-mara hi mara bil-lejl; imma hi ħmara bi nhar.* U jista' jsawwatha kemm irid, u l-Pulizija ma tistax tkellmu. Jien rajt b'għajnejja fis-Salt, raġel isawwat lil mara, u hi twerżaq, fl-intrata, hada l-bieb, jagħtiha bil-ponn fuq daharha, jgħaddsilha rasha u jġebbdilha xagħarha, u Pulizija barra, hada l-bieb, iħares u ma jitkellem xej. Ijwaqqfu u jieħdu l-għassa jekk iferiha; jekk isawwatha biss, ma jkellmux.

Drawwa ħażîna tal-Insâra tas-Salt (u naħseb il-Misilmîn agħarr minnhom) li kienu għadhom ma qatgħuhiex (u anqas naħseb li qatgħuha issa) kienet il-ġl'ed. Meta jiġġieldu tnejn min-nies, nieshom, jew ħbiebhom, ma jmorrux iferqûhom, bħal ma jagħmlu hawn Malta, imma jmorru jgħinûhom jiġġieldu, jiġifieri jmorru jagħtu magħhom. Fejn ġew flidejn tnejn min-nies, kemm trodd salîb tagħqad ġlieda ta' xi għoxrîn jew tletîn rûħ, kull ħadd jagħti b'idejh jew b'li jsîb quddiemu sa ma tasal il-Pulizija. Imbagħad miskîn ilkurât, kemm ikollu jitħâbat biex jarġa' jagħmilhom ħbieb!

Hawn sa nsemmi xi ħâġa fuq tnejn min-nies li nafhom, Insara-Latini, mis-Salt, li fuq qalbhom, xjiehu u baqgħu ma żżewġux: Sâleh u Nwejser.

Sâleh kien jagħmel xi qadja fid-Dejr tal-Patrijarka (dak iż-żmien kien Mons. Luiġi Barlassina) f'Ġerusalem. Sâleh kellu xi ħamsin sena, u bix-xogħol li kien ħadem ma' ħajtu kollha kien faddal erbgħîn lira. B'dawn il-flus ried jiżżewweġ, u nies dik li ried jieħu, talbuħ il-flus quddiem. L-iblah taħomlhom! Imbagħad huma ħassru l-egħrusija, u la tawh il-"mara" anqas raddewlu l-flus. Jekk hux għal hekk jew għal xi ħaġa oħra, ftit wara l-Patrijarka keċċieħ mix-xogħol. Kien iġiblek ħnena tarah imûr jittallab xi girx minn għand il-ħaddiema l-oħra, li qabel kienu sħabu, biex jixtri xi ħâġa li jkun jeħtieġ. F'hekk wasslu n-nuqqas ta' ħsieb!

L-ieħor, Nwejser, li ma żżewwiġx, kien mis-Salt ukoll. Dan, meta sirt nafu jien kellu xi sebgħin sena, imma jekk tarah kont tgħid li għandu xi erbgħin; kien twil, wieqaf, u xagħru u l-leħja suwed. Żamm ruħu tajjeb hekk, kif kienu jgħidu, għax jiġrilu x'jiġrilu, xejn ma kien jinkedd. Kif smajtu jgħid darba lil Dun Ġubrajil, Nwejser kellu ħafna ġîd minn dâru u niesu ħadulu kollox. U hu mar jaħdem u ma ħabbel rasu xejn. Kien jaf idoqq l-armonju. Sabîħa meta drabi kien ikun idoqq l-armonju filknisja f'xi funzjoni u t-tfal ikantaw. Hu u jdoqq kien jongħos, u għal kemm ikun rieqed, l-armonju jdoqqu sew! Kemm-kemm temmen jekk ma tarax!

Dan ukoll darba ried jiżżewweġ. U ftiehmu x'erbat irġiel Insara-Latini, mis-Salt (smajtu jgħid wieħed

minnhom meta kont hemm) u râġel minnhom libes ta' mara, u l-oħrajn marru sabu lil Nwejser u qalulu li kienu sabulu għarûsa, jekk irid imur jaraha. Dak mar magħhom, u billi *hi* kienet wiċċha mgħotti b'mustaxija sewda, kif jagħmlu x-xebbiet t'hemmekk, ried ukoll jaralha wiċċha.

kien romol u ried jarġa' jiżżewweġ, imma flûs ma kellux wisq, biex jieħu għarûsa sabiħa, żagħżugħa u għaqlija. Għal hekk biex ma jibqâx bla mara, ħà waħda ta' xi erbgħin sena, kerha u belha, li ma riedha ħadd, u biex ma jingħadx li ma kienet tiswa xejn, ħallas tagħha għoxrin lira.



*Salt, Tranġordanja. Il-Muħtâr tal-Insara Latini tas-Salt, Jusef Weġweġ jiġifieri r-Rajjes tagħhom, u ma' ġenbu ibnu li jismu Għuda.*

U kixfet wiċċha u deher râġel b'leħja u baffi daqsiex! U tgħidx kemm damu jidħku bih.

Meta kont is-Salt jien, il-Muħtâr (qisu bħal Sindku) tal-Latini kien râġel imdaħħal fiż-żmien, magħlub, twajjeb, jismu Jûsef Weġweġ. Dan

Imma miskin, ħażin ħabat magħha! Ma kenitx toqgħod id-dar tagħmel il-faċendi, imma dejjem tiġġerra barra u tagħmel il-bluħât.

Darba, fil-għaxija, konna għand il-kurât (dak iż-żmien kien Dun Vergani) xi sitt irġiel, fosthom żewġha,

u hi ġiet. Fetħet il-bieb, tât it-tarbija f'idejn wieħed râġel milli kienu hemm, u bdiet taqbeż fin-nofs u tgħajjat: "Raħm is-Sultân! Raħm is-Sultân! . . . Imân, iman . . . Allah hu akbar!" (kliem li jingħad minn min ikun Lhûdi jew Nisrâni u jaqleb Mislem). U ħabtet sa tqatta' ħwejjiġha. Il-kurat qabad jgħajjat u jkeċċiha, u r-rġiel qabduha, tawha t-tifla, u tefgħuha 'l barra, u għalqu l-bieb. Hi tât daqqa ta' ponn fuq ħġieġa tal-bieb, kisritha, u baqgħet sejra.

Hemm is-Salt ukoll, kien hemm wieħed raġel Armên, Nisrani-Kattolku, miżżewweġ, imma l-mara tiegħu ma kellhiex tfâl, għal hekk ried jiżżewweġ oħra. X'għamel? Kellu għalqa ħdejn għolja, b'ħabel raba fuq u ieħor taħt. Ħaffer fil-ħajt tal-ħabel ta' taħt u għamel bħal girna taħt il-ħabel ta' fuq. Daħħal il-mara hemm ġew, taha x'tiekol u x'tixrob, u qalilha ma toħroġx minn hemm qabel ma hu jarġa' jiġi minn Ġerusalêm. Mar Ġerusalêm għand l-Isqof tagħhom u talbu l-ħalla biex jiżżewweġ. L-Isqof ra r-reġistru u qallu li fih kien miktub li hu kellu mara. L-Armên wieġbu: "Dik qegħda taħt it-trab!" u l-isqof fehem li l-mara kienet mietet, u tâh il-ħalla li jiżżewweġ, bil-miktub. U dak mar f'raħal, sab mara, ħallas tagħha u żżewwiġha.

Meta ġie s-Salt bil-mara l-oħra, il-kurât, Dun Ġubrajil, qallu: "Ma tistħix, int Nisrani u tiżżewweġ żewġ nisa?" U l-Armên wieġbu: "U int ma tistħix, Nisrani u ma tiżżewwiġx? Jien żżewwiġt tnejn biex inħallas għalik, għax inti ma ħadtx waħda."

Fil-bidu ta' dan il-kitba, semmejt id-Divân, li hemm fid-Dejr, fejn Mgħallem Rokk kien sa jbajjad iż-żewġ pitturi sbieħ li kien hemm fuq il-ħajt, qabel ma Dun Ġubrajil raġa' lura minn Ġerusalem. Id-Divan hu sala kbira bil-bankijiet mal-ħitan, u fin-nofs, faċċata tal-bieb, siġġu tad-dirgħajn; 'il fuq mis-siġġu, imdendel mal-ħajt, inkwatru kbir bir-ritratt tal-Patrijarka ta' dak iż-żmien: Mons. Barlassina. Il-kurat, drabi, fil-għaxija wara l-ikel hemmekk kien (biex ngħidu hekk) jagħti udjenza. Kien iħalli bieb id-Dejr miftuħ, u meta r-rġiel tat-Tajfa (jiġifieri tal-Parroċċa) jarawh miftuħ, jidħlu. Dak il-ħin hu kien ikun qiegħed fuq is-siġġu l-kbir, u r-rġiel joqogħdu qribu, fuq il-bankijiet. Jidħlu wieħed-wieħed, jew tnejn-tnejn, kif ikunu għaddejjin, u joqogħdu hemm, għal kenn, jitħaddtu. L-etiketta tal-Għarab hija hekk: malli jidħol ir-raġel jgħid lil kull ħadd f'daqqa: *Missîkom bil-ħajr*! (jiġifieri: *Alla jagħtikom lejla tajba*) u huma kollha f'daqqa jweġbuh: *Missîk bil-ħajr*. Imbagħad joqgħod bil-qegħda u l-kurat jgħidlu: *Missik bil-ħajr*!, u hu jwieġeb hekk ukoll. Hekk ukoll jagħmlu r-rġiel kollha, wieħed-wieħed, isellmu lil dak li daħal ġdid, u wara jibqgħu sejrin bit-taħdit, aktarx fuq iż-żriegħ, fuq l-uċuħ tar-raba, fuq ix-xita, jew fuq xi ħaġa li tkun ġrat Għammân jew Ġerusalem. Drabi l-kurat iqabbad lil koka, Omm-Nażâr, tagħmel għal kull ħadd kikkra kafè Għarbi (jiġifieri kikkra żgħira bla widna, bil-kafè qawwi, morr, bla zokkor) u drabi le. Joqogħdu hemm sa xi t-tmienja u nofs jew id-disgħa, u mbagħad jibdew ħerġin wieħed-wieħed, u jmorru lejn id-dar.

Semmejt qabel li hemm muntanja għolja, in-naħa tal-Għarb tas-Salt, jgħidulha Ġebel Għuxa. Fil-btajjel

tal-Milied, 1927 darba wara nofs inhar, Dun Ġubrajil, Dun Longo, u aħna tal-iskola, lil dil-muntanja, morna nżuruha. Biex morna hemm. l-ewwel għaddejna minn Wâdi l-Qrad, li hu ħarġa djar, jew aħjar griebeġ, fuq iż-żewġt iġnieb ta' wied dejjaq, li minn miegħu għaddejja trejqa. Innies ta' hemm għandhom ħafna klieb, u qisu fuq kull bejt kien hemm kelb jew tnejn, u aħna u għaddejjin, jarawna nies għorba, għamlulna festa: kollha jinbħu kemm għandhom saħħa! Minn hemm qbadna telgħa wieqfa, li max-xellug tagħha kien hemm wied żgħir kollu ħaxix. Għadni niftakar ġewwa dan il-wied kien hemm ħmar magħqur kollu dbâbar mitluq waħdu, jotrod 'l hawn u 'l hemm, u jnaqqar il-ħaxix. Dun Ġubrajil qalilna li dak ikun ħmar xiħ jew marid, li sidu, biex jeħles minnu, u ma jagħlfux, billi ma jkunx jiflaħ għax-xogħol, jitilqu għal ruħu. Jekk jgħix, jgħix; jekk imut, imut. Imma jekk ikun marid u jgħix, sidu jarġa' jieħdu. Fejn jorqod, ħmar mitluq hekk, fix-xitwa, f'dak il-bard tas-Salt, ma nafx. Jista' jkun li hemm xi għar u bl-lejl idabbar rasu ġewwa fih.

Bqajna sejrin mat-telgħa, u hemm ukoll kien hemm ħaġa għariba. Hemm ħaġar, tal-qawwi, lixx u mdawwar, nofsu abjad u nofsu aħmar, donnu perżut! Donnu ħaġar nofsu maħruq. Imma maħruq ma hux, daqs kemm hemm minnu. U min sa jaħraq il-ħaġar imbagħad ixerrdu waħda 'l hemm u oħra 'l hawn, mattriq? Dak il-lewn aħmar aktarx ikun hemm għax il-ħaġra fiha xi ħaġa kimika, mill-ħolqien.

Wara telgħa twila, wasalna fuq il-quċċata ta' Ġebel Għuxa, tliett-elef, u ħames mija, u sebgħa u disgħin pied (3,797) ogħla minn wiċċ il-baħar Mediteran, li jagħmlu erba' darbiet u nofs ogħla mill-ogħla muntanja li fiha Malta. Hemm fuq kien hemm dehra sabiħa, imma kesħa rqiqa, xxoqq il-għadam, f'dak il-għoli kollu, u jumejn wara l-Milied, kien hemm ukoll. Taħtek, lejn ix-xellug tara biċċa kbira mill-baħar il-Mejjet, lewnu iżraq-sewdieni, wiċċu mkemmex b'mewġ żgħir-żgħir, jiġri wara xulxin. Lejn il-lemin, il-ħondoq tal-Għor, li minn ġewwa fih għaddejja sserrep ix-xmara tal-Ġurdan, sejra lejn il-Baħar il-Mejjet. Quddiemek iġbla, u iġbla, ġewwa xulxin, u fil-bgħid il-bgħid, Ġebel ogħla mill-oħrajn, li hu Ġebel iż-Żejtun, jew il-*Muntanja taż-Żebbuġ*, qrib Ġerusalem. Fuq din il-muntanja, jekk ikollok għajnejk tajbin u tgħarrex sewwa, tara donnha ponta ta' labra, li hu l-kanpnar tal-knisja tas-Sorijiet Russi ma' ġenb Bet-Fâġ. Minn Ġebel Għuxa sa dak il-kanpnar hemm bgħid xi ħaġa mal-erbgħin mil, għaxar mili biss anqas minn Malta sa Capo Passero, fi Sqallija. Anqas temmen li jidher kanpnar bil-għajnejn! Imma tas-sew jidher, għax jien rajtu u sħabi rawħ ukoll. In-naħat l-oħra kollha għoljiet u rqajja' ħodor, fejn kien hemm ir-raba, u xi naqra ta' raħal bi ftit djar. U fis-skiet ta' dak il-għoli kien jistama jgerger il-vapur tal-art, li mill-Eġittu jieħu għas-Surija.

Fuq din il-muntanja qagħdna ndurru u nħarsu 'l hawn u 'l hemm. Kien hemm girna bla saqaf, aktarx tal-kaċċaturi, bħal dawk il-grieni li jkun hemm fuq l-imnasab, hawn Malta. Kien hemm irqajja' ta' ħamrija, u ġebel u ħaxix. Fil-ħamrija kien hemm għadd ta' braġ tat-trab, wara xulxin, bħal trejqa. Dawk il-braġ jagħmluhom annimali żgħar jgħidulhom ħlond (bit-Taljan, *talpe*, u bl-Ingliż *moles*) li jku-

nu donnhom ġrieden bla denb, lewnhom kannella, li f'ħajjet Alla, ma hawnx minnhom Malta. Dawn jagħmlu mina taħt l-art, fil-ħamrija, u jieklu l-egħruq tal-ħaxix li jsibu, għal hekk jagħmlu ħafna ħsara fil-miżrugħ. Kull kemm iniffdu l-mina għal fuq wiċċ l-art, biex jitfgħu barra l-ħamrija li jkunu qalgħu.

Dun Ġubrajil kellu ħatar bil-ponta tal-ħadid, u qagħad jara jaqbadx xi ħlonda. Joqgħod għassa fejn jara l-borġ tat-trab jiċċaqlaq, u jagħti daqqa bil-ponta tal-ħatar fuq it-trab; għax il-ħlond dak il-ħin ikun hemm, jitfa' t-trab 'il fuq bi mnieħru, u jekk jolqtu bid-daqqa, joqtlu. Imma għal xejn, għax ma qatel ebda waħda. U meta xbajna nduru u nħarsu, u x-xemx bdiet titbaxxa, qbadna neżlin lejn is-Salt aħna wkoll, ħalli neħelsu minn dak il-bard. ELSIE.

# IL-MEKKA

Min jâf, int li qiegħed taqra, kemm il-darba smajt lil min isemmi l-Mekka! X'hemm il-Mekka? Il-Mekka hemm l-"Imkejjen Imqaddsa" tal-Misilmîn, istħajjilha Ġerusalêm għall-Insâra. Bħal ma l-Insâra jmorru Ġerusalêm, ijżuru l-Imkejjen Imqaddsa, hekk il-Misilmîn ijmorru l-Mekka; bilgħażla li l-Insâra jmorru s-sena kollha, meta jrîdu f'ġemgħat kbar jew żgħar, u drabi xi wieħed waħdu wkoll, waqt li l-Misilmîn ijmorru kollha fi żmien wieħed tas-sena, fix-xahar tar-Ramadân. Ijmorru xejn Misilmîn ijżuru l-Imkejjen Imqaddsa tal-Mekka? Uh! Wisq u wisq aktar milli jmorru l-Palestîna l-Insâra. Fis-sena 1957, kif kien hemm miktub fil-gazzetta tal-Mekka imsemmija: "Umm il-Qura", marru qrîb il-MILJUN! Fis-sena 1960, kif xandret din il-gazzetta nfisha, marru 750,000 (seba' mija u ħamsin elf).

Kull Mislem ħieles (li ma jkunx marîd, jew ilsîr, etċ), jekk ikollu flus biż-żejjed għan-nefqa, għandu tal-anqas darba waħda f'ħajtu, ijmûr ijżûr il- Kagħba, jiġifieri l-Maqdes il-Kbir li jinsab fil-Mekka (għax il-Mekka isem ta' belt). Kull min ijmur hemm għandu l-jedd li, wara li jarġa' lejn pajjiżu, jilbes f'rasu l-lefa ħadra, u li n-nies jgħajjtulu "Haġġ". Din iż-żjara lil Kagħba ssir b'àmar ta' Mohammed, il-profeta l-Kbir tal-Misilmîn, u dan l-àmar kitbu fil-"Ktieb Imqaddes" tiegħu, li jgħidulu l-Qorân. Fil-Qorân, Muhammed lil Misilmîn kitbilhom hekk: "Agħmlu ż-żjajjar tagħkom lill-Imkejjen Imqaddsa għall-imħabba t'Alla, imma jekk tkunu miżmûma (mill-egħdewwa) ijkun sewwa li tibdlu ż-żjâra ma' għotjiet li tistgħu tibgħatu bla ma tbatu; u sa kemm dak li tibgħatu ma jkunx għadu wasal, ma għandkomx tqarwżu x-xagħar ta' raskom. Imma jekk xi wieħed ijkun marid, jew ijkollu xi wġiegħ ta' ras, u għal hekk jitqarweż, għandu jibdel dan l-àmar ma' sawma, jew ma' għoti ta' rahma lil foqra, jew ma' xi debħiet. Meta tkunu sielmîn, min ijrîd li tiswielu aktar din iż-żjara, jagħti l-għotjiet li jista', u jekk ma jkunx jista', għandu jsum tliet sawmiet fi żmien iż-żjara, u seba' sawmiet wara, li jagħmlu għaxar sawmiet sħâħ. Dan l-àmar hu għal min ma jkollux il-familja miegħu fit-Tempju Mqaddes; imma ibżgħu minn Alla, u kunu afu li Alla jħallas bl-aħrax. Iż-żjara għandha ssir fix-xhur il-magħrufa; u kull min

f'dawk ix-xhur jagħmel iż-żjâra, ma' tul dak iż-żmien, ma għandux jersaq (lejn nisa), anqas jagħmel xi egħmil ta' għajb, anqas jiġġieled fiż-żmien taż-żjara. Il-ġid li tagħmlu, jkun jafu Alla. Ħejju dak li teħtieġu minn qabel, għat-trîq, imma l-aħjar ħaġa li jkollkom, hija l-biża' t'Alla. Ibżgħu minn Alla, mela, ja lilkom li għandkom il-għaqal! (Qoran, Sura II, 192, 193; jew 196, 197).

L-Imkejjen Imqaddsa li hemm il-Mekka huma dawn is-sebgħa:

1. *Il-Kagħba*, biċċa bini, magħmula minn ħaġar griż, qegħda f'nofs il-bitħa Mqaddsa ta-Mekka, li kif jgħidu l-Misilmîn, bnewha Abraham u Ishâk, qrib il-għajn tal-għaġejjeb. Milli jidher, imma kien xi bini żgħir ħafna, għax l-ewwel Maqdes kien bnieħ Adam malli l-Anġlu t'Alla keċċieh mill-Ġenna tal-Art. Imma dan il-bini tiegħu kien karkru u ħâdu l-ilma tad-Dilluvju (!!!).

Qabel ma beda d-Din tal-Misilmin, il-Kagħba kienet l-imkien fejn kienu jâgħtu qima lill-allât tagħhom il-Għarab Pagani, u kellhom allat biżżejjed min jgħînhom jew jgħakkishom, għax kellhom hemm 260 statwa tal-allat tagħhom. Fit-tieni sena tal-Hêġra, Muħammed ħa' l-Kagħba u waqqaf fiha l-qima tal-Misilmîn, u stqarrha bħala l-ewwel maqdes li nbena fid-dinja, għal qima 'Alla tas-Sewwa.

2. *Il-Ħaġra s-Sewda*. Din niżlet mis-sema, u meta niżlet kienet bajda daqs il-ħalib, imma mbagħad saret sewda ħtija tad-dnubiet tan-nies tad-dinja. Tinsab imħârsa ġewwa rokna mill-irkejjen ta' ġewwa l-Kagħba.

3. *Bir-Żemżem*. Bir tal-ilma ġieri, li fetħu l-Anġlu Grabiel, sabiex jixorbu minnu Ħâġar u binha Ismaël, meta kienu mitlufa fix-xôri.

4. *Wied Għarafât*. Erba' siegħat mixi fuq il-ġemel mill Mekka jinsab dan il-wied, li fih Adam u Hewwa (Eva) iltaqgħu wara li kienu ilhom mifrudin u mitlufin minn xulxin mitejn sena.

5. *Safa u Morwah*. Żewġ għoljiet ta' dan l-isem, li fuqhom telgħet tiġri u tibki Ħâġar, għax fuqhom rat il-"miraġġ" tal-ilma, u meta telgħet ma sabet xej.

6. *Mina*. In-naħa tax-Xerq tal-Mekka, fejn Abraham bena artal u kien u kollox sa jidboħ fuqu lill-ibnu Ishâk.

7. *It-Tliet Ħaġriet*, fejn ix-xitan deher lill-Ishâk bin Abraham, biex iqarraq bih, imma dan għarfu u beda jitfagħlu l-ħaġar.

Daż-żmien, għadd kbir minn dawk li jmorru jżuru l-Mekka minn artijiet imbegħda, jaslu hemm bl-ajru u jinżlu fil-mitjar ta' Ġedda. Oħrajn, li jiġu mill- qrib, jaslu hemm bil-ferrovija, jew bil-motors; u hemm oħrajn li jmorru bil-baħar. Biex jieħdu ħsieb is-saħħa taż-żawwarîn, qiegħed ikun hemm mija u ħamsin (150) tabîb. Fiż-żmien taż-żjara tas-sena l-oħra mietu sitt mija u ħamsa u sittin (665), li ma humiex wisq, meta taħseb li għadd kbîr ġmielu taż-żawwara jkunu xjuħ għall-aħħar, u hemm tagħmel sħana kbîra, wisq drabi ta' 48 grad fid-dell.

*Muħammed Maħmud el-Ħamdâni.*

---

*Il-karam jagħatti kull għejb.* "Karam" tfisser *ġenerosità*. Jiġifieri: dak li jgħin lil kull min ikun jeħtieġ il-għajnuna, u jagħti lil kull min jitolbu, jekk ikollu xi għajb, ħadd ma jsemmih għax jiftakar kemm nies hemm li jgħidu l-ġid fuqu.

# IC-CENTENARJU TA' SAN GAKBU

## L-EWWEL ISQOF TA' GERUSALEM

*(Sentejn ilu, hawn Malta,* ***saret tifkira ta'*** *għeluq id-Dsatax-il Mitt sena mill-miġja ta' San Pawl* ***f'artna;*** *għamnewwel f'Ġerusalem saret it-tifkira ta' għeluq id-Dsatax-il Mitt sena mill-mewt ta' San Ġakbu li bis-saħħa tiegħu ġie Malta San Pawl Mela* ***jaqbel niktbu xi*** *ħaġa fuqu u naraw ftit San Ġakbu min kien u* ***x'għamel.*** *–*

San Ġakbu twieled jew f'Nazaret, jew f'xi raħal qrib tagħha. Kien iben ta' mara jisimha Mirjam (Matt. XXVII, 56; XXVIII, 1; Ġwann, XIX, 25), li kienet jew oħt il-Madonna, inkella wlied l-aħwa (kuġina) magħha. Kellu ħutu tliet subien oħra, Jeħuda, Simgħan, u Jusef (Matt. XIII, 55), u kellu wkoll ħutu bniet, mhux magħruf kemm, imma aktar minn waħda (Matt. bħal fuq).



*Ġerusalem — Xbiha qadima ta' San Ġakbu fil-Kattidral tal-Armeni. Il-kliem Għarbi ta' ħdejn rasu, jgħid: "Il-Qaddis Jagħkub, Aħu r-Rabb", li tfisser: San Ġakbu, Hu l-Mulej.*

Is-sengħa tar-rġiel ta' qrabat il-Madonna kienu mastrudaxxi u bennejja għalhekk San Ġakbu qabel ma sar Appostlu, qisu ċert li kien hekk ukoll. Jidher li fost ħutu hu kien il-kbir, billi l-Appostli, wara żmien, fost it-tlitt aħwa, ħatru lilu l-ewwel Isqof, kif sa naraw 'il quddiem.

Meta Ġesù, ta' tletin sena, beda l-ħidma tiegħu bħala Messija, hekk, f'daqqa waħda, San Ġakbu, ma ħutu l-oħra, subien u bniet, kif semgħu, marru jfittxuh. Sabuh Kafar-Nahum, u riedu jeħduh magħhom lejn id-dar, Nazaret, għax ħasbuh li kien ħass moħħu b'xi qatgħa, u kien jeħtieġ il-heda u l-mistrieħ (Mark, III, 21, 31). Imbagħad San Ġakbu u tnejn oħra minn ħutu, Simgħan u Jeħuda, lil Ġesù fehmuh, u baqgħu miegħu, u kienu maħtura Appostli fost it-Tnax (Matt. X, 3-4). Ħuh l-ieħor, Jusef, m'hux magħruf x'sar minnu, għax ma jissemma aktar imkien.

San Ġakbu jidher li kien raġel irżin għall-aħħar, għax għalkemm kien magħdud b'ħu Kristu, fiż-żmien li dam miegħu, ma hux miktub, fl-Evanġelju, li qal ebda kelma, jew li

għamel xi ħaġa barranija, qatt u mkien. Dawk li kienu jħobbu juru ruħhom, kienu t-tlieta l-Magħżula: San Pietru, u ż-żewġt itfal ta' Żebedew.

Wara l-Passjoni, San Ġakbu kien wieħed minn ta' l-ewwel li ra lil Ġesù mqajjem minn bejn l-imwiet (I Kor., XV, 7; u San Ġlormu, De Viris illustribus, 2). Għax kif inkiteb mill-antik, kien għamel wegħda li ma jiekolx u ma jixrobx sa kemm jerġa' jara lil Ġesù ħaj, qawwi u sħiħ. U Ġesù fit-tielet jum deherlu; ħadlu l-ħobż u l-inbid u qallu: "Hawn ħija, kul u ixrob, għax Bin-Adam qam minn bejn l-imwiet".

Meta, Kristu tala' s-sema u l-Appostli xterdu biex ixandru t-tewba għall-maħfra tad-dnubiet, San Ġakbu baqa' Ġerusalem, mal-Madonna u San Pietru u San Ġwann. U f'Ġerusalem anqas kien imur barra jgħallem, bħal San Pietru u San Ġwann, imma kien dejjem għar-rkubtejh jitlob, jew fit-Tempju jew id-dar. Kien raġel kwiet u qaddis u kellu laqam Sâdoq (jew Sâdeq), li aktarx kien laqqmu hekk Ġesù qabel ma miet, billi kien l-ewwel wieħed fost ħutu li emmen; għax "emmen", jgħiduha "saddeq", f'dak il-pajjiż. Kellu wkoll laqam ieħor li tawhulu l-Insara Lhud: *Hlafi r-Rabb*, jew *Hlafi* biss li tfisser: *Ta' wara l-Mulej*. Minn dal-laqam il-Griegi ħasbu li missier San Ġakbu kien jismu *Hlafi*, jew *Halfi*, u kitbuha hekk: *Iakobos o tou Alfaiou*, għax "ta" u "il" bil-Palestini tinkiteb u tingħad xorta: għalhekk, *Jagħkub il-Hlafi* (jew il-Halfi) ħasbuha: Ġakbu ta' Hlafi, m'hux: Il-Hlafi, kif tassew kellu jkun.

San Ġakbu kien maħbub mill-kotra tal-Lhud Insara u mhumiex, għax kien raġel sewwa għall-aħħar, u qalbu



*Ġerusalem — Ix-xewka tas-Sur tat-Tempju, li minn fuqha l-Lhud xeħtu lil San Ġakbu. Il-ħaġar il-kbir, mit-tiekel, li jidher taħt il-lamberżuni, għadu minn dak iż-żmien.*

marbuta mal-Liġi ta' Mosè u ma' art Iżrael. Is-Sultan Erodi Agrippa qabad lil Ġakbu l-ieħor (ta' Żebedew) u qatagħlu rasu, u qabad lil San Pietru wkoll u xeħtu l-ħabs, biex joqtlu (Atti, XII, 1-6), imma lil Ġakbu l-Ħlafi ma kellmux, għalkemm kien hemm taħt idu f'Ġerusalem. Wieħed kittieb tat-Tieni Seklu, jismu Eġesippu, li għex bejn is-snin 115 u 185 wara Kristu, ħalla miktub li San Ġakbu ma kien jiekol qatt laħam u pju, għarrkubtejh b'wiċċu fl-art, jitlob 'l Alla li jaħfer lil-Lhud u jbiegħed minnhom il-hemm li kien ġej fuqhom. Għas-serjetà kbira tiegħu, saħansitra San Barnaba, u San Pietru wkoll, daqskemm kellhom qima lejh, kienu jibżgħu minnu (Galatin, II, 2-13).

Meta l-Insara Lhud riedu li l-Elleni li jemmnu, wara li jitgħammdu, jinħatnu wkoll, u San Pawl ma riedx, u fuq hekk sar il-Konċilju ta' Ġerusalem (Atti XV) għall-ħabta tas-sena 49



*Ġerusalem, Wied ta' Kedron — Il-Qabar ta' Beni Heżir (bil-kolonni) u 'l hemm minnu l-Piramda li taħtha jinsab il-Qabar ta' San Ġakbu.*

ma jixrob qatt inbid jew xorb ieħor li jsakkar. Kien isum qisu kulljum ma jilbes qatt ħwejjeġ tas-suf, imma dejjem b'libsa waħda, tal-għażel, li ma kellux ħliefha. Qatt ma kien jitqarweż jew jidlek xagħru biż-żejt. Kien jgħaddi ż-żmien l-aktar fit-Tempjew 50 W.K., San Pietru tkellem l-ewwel, u San Ġakbu qal l-aħħar kelma: u ħadd ma merieh, imma kullħadd qagħad għaliha. U meta fis-sena 58 San Pawl tala' għall-aħħar darba Ġerusalem, il-għada li wasal, jiġifieri meta strieħ ftit, hu u dawk li kellu

miegħu, għaġġel mar gaħnd San Ġakbu biex jgħidlu kull ma kien għamel fix-xogħol tat-tħabbir tal-Evanġelju (Atti, XXI, 15-19). San Pietru wkoll, qabel ma telaq minn Ġerusalem wara li ħeles mill-ħabs, qal lill-Insara li kienu f'dar Mirjam, omm Ġwanni-Marku li jgħarrfu lil San Ġabku bilħelsa tiegħu, mill-aktar fis (Atti, XII, 12-17).



*Ġerusalem, Wied ta' Kedron. Il-Piramda ta' Żakkarija, maqtugħa mill-blat ħaj, u taħtha, muri bi vleġġa, il-bieb tal-Qabar ta' San Ġakbu.*

Bħal ma bis-saħħa ta' San Ġabku San Pawl ġie f'idejn ir-Rumani, hekk ukoll, kif ingħad mill-antik, bis-saħħa ta'San Pawl, San Ġakbu ġie f'idejn il-Lhud (Ewsebju ta' Kajsarija, Historia Eccl., II, 23, 4-8). Għax meta s-Sadduqin li kienu l-kotra l-kbira fil-Qorti tas-Sanhedrin, semgħu li San Pawl fil-Qorti ta' Ruma kien meħlus minn Kajsar, għadbu għall-aħħar u riedu jinfexxu f'xi ħadd. Għalhekk bagħtu jġibu lil San Ġakbu l-Ħlafi u ressquh quddiemhom. Riduh jiċħad quddiem kulħadd il kliem li kien jgħid: li Ġesù kien il-Messija! Imma hu, flok ma ċaħad, stqarru aktar bilqawwa. Għalhekk kaxkruh sa fuq sur it-Tempju u xeħtuh minn hemm għal isfel, għal ġewwa l-wied ta' Kedron. In-nies li kienu hemm kif rawh qam għarkubtejh u qiegħed jitlob 'l Alla, biex jinħabbu mal-Qassisin, bdew iwaddbulu l-ħaġar. Meta anqas hekk ma miet, resaq wieħed ħassiel (għax hemm m'hux bogħod mill-għajn ta' Silwan), u beda jagħtih fuq rasu bil-marżebba, u temmlu ħajtu hekk. L-Insara difnuh hemm fejn miet, u fuq qabru waqqfu piramda b'tifkira.

## MEWT U DIFNA TA' SAN ĠAKBU

It-tagħrif fuq il-mewt ta' San Ġakbu l-Ħlafi, kien miktub minn Ġużeppi Flavju, li sata' ra kollox b'għajnejh, għax ġara f'pajjiżu u fi żmienu (Flavju twieled fis-37 u miet qrib is-sena 109; il-mewt ta' San Ġakbu ġrat fit-62). Wara nkiteb ukoll minn żewġ kittieba Nsara li għexu fit-Tieni seklu: Eġesippu (115-185) u Kelment ta' Lixandra (qabel il-215). Il-kitba ta' dawn it-tnejn tal-aħħar illum mitlufa; imma l-ġrajja tal-mewt ta' San Ġakbu li kitbu huma, laħaq tennieha u xandarha Ewsebju, Isqof ta' Kajsarija (263-338) fil-ktieb tiegħu msemmi: *Historia Ecclesiastica*, (II, 23, 4-8) li għadu sħiħ sal-lum.

Dan li ġej huwa, maqlub bil-Malti, dak li kiteb Ewsebju fuq San Ġakbu:

*Meta Pawlu talab li jidher quddiem Kajsar, il-Prokonslu Festu bagħtu Ruma, u l-Lhud, meta raw dan, u għarfu li kienu tqarrqu fit-tama li kellhom li joqtlu 'l Pawlu, u li ġiegħlithom jonsbulu nasba, daru fuq Ġakbu, ħu il-Mulej, li kien mogħti lilu s-siġġu ta' Isqof ta' Ġerusalem mill-Appostli l-oħra, u dan hu li għamlulu:*

*Għajjtulu quddiemhom, u talbuh jiċħad it-Twemmin tiegħu fi Kristu fejn jisimgħu in-nies kollha, imma hu, b'leħen sħiħ u qlubija li ma kienux jistennewhom, quddiem il-ġemgħa kollha, stqarr u ħaqqaq li Ġesù, il-Ħellies u Sid tagħna, kien tassew Iben t'Alla. Ix-xhieda ta' raġel bħal dak ma setgħux jaħmluha għax minn kulħadd kien miżmum b'raġel imseddaq, imħabba l-għaqal li kellu u l-qdusija ta' ħajja li kien jgħaddi. Għal hekk qatluh, u nqdew biż-żmien li fih ma kienx hemm Ħâkem Ruman. F'dak iż-żmien, fil-Jehudija kien miet il-Ħâkem Festu u l-pajjiż kien baqa' għal xi żmien mingħajr mexxej (a)*

*Il-mewt ta' Ġakbu kienet qabel imsemmija minn Kelment, li qal li kien mitfugħ għal isfel minn fuq ġewnah it-Tempju u maqtul bid-daqqiet ta' marżebba. Imma dil-ġrajja jfissirha aktar bir-reqqa Eġesippu, li kien fost l-ewwel irġiel li ġew wara l-Appostli. Dan hu li jgħid Eġesippu fil-ħames taqsima tal-ktieb tiegħu msemmi: "Tifkiriet" (b)*

*It-tmexxija tal-Knisja ta' Ġerusalem ħadha f'idejh flimkien mal-Appostli, Ġakbu, ħu l-Mulej, imsemmi minn kulħadd, minn żmien il-Mulej sa żmienna, "is-Siedaq" għax kien hemm ħafna oħrajn bl-isem ta' Ġakbu.*

*Dan kein qaddis minn ġuf ommu. Ma kienx jixrob inbid, anqas xorb ieħor li jsakkar; ma kienx jiekol laħam ta' bhejjem; l-imqass qatt ma tala' fuq rasu; ma kienx jindilek biżżejt, anqas qatt ma niżel f'hammiem (banju).*

*Hu biss kien imħolli li jidħol fil-maqdes; għalhekk ħwejġu kienu tal-għażel, mhux tas-suf. Kien jidħol waħdu fit-Tempju, u jsibuh għarkubtejh jitlob minn Alla l-maħfra għal poplu, hekk li l-ġilda ta' rkubbtejh kienet xrafet bħal ta' ġemel, billi dejjem għarkubbtejh b'wiċċu fl-art jagħti qima 'l Alla u jitlob il-għajnuna għan-nies tiegħu.*

*Għas-sedqa tiegħu kien imlaqqam is-Siedaq, u Oblias, li bil-Grieg tfisser Periokhè toù laou (jiġifieri: qawwa tal-poplu), u: Dikaiousyne (jiġifieri: sedqa), bħal ma l-Profeti kienu ħabbru fuqu (c).*

*Uħud, imseħbin fit-taqsimiet, li kienu fil-għadd ta' sebgħa, fil-poplu Għebrâni, li fuqhom inkiteb qabel, saqsew lil Ġakbu, "X'kien il-Bieb ta' Ġesù," (d) Hu wieġeb: "Ġesu' Huwa l-Ħellies."*

*Uħud minnhom emmnu li Ġesù kien il-Messija, imma s-sebgħa msemmija qabel ma redux jemmnu fih, anqas fil-qawma tiegħu, u fil-miġja tiegħu fl-aħħar tad-dinja, biex jagħti lil kull wieħed il-ħaqq ta' egħmilu u kemm nies emmnu, bis-saħħa ta' Ġakbu.*

*Billi wisq mill-kbarat ukoll kienu ħaddnu it-Twemmin Nisrani, il-Kittieba u l-Faresin qamu xewwiexa. Bdew jgħidu li kien hemm tiġrib li l-ġens Lhudi kollu jaqleb ma' Ġesù Kristu. Għal hekk marru lkoll f'daqqa għand Ġakbu u qalulu: "Nitolbuk tfiehem lil dawk kollha li jiġu hawn għal Għid (e) fuq il-qerq ta' Ġesù; aħna lkoll nemmnuk; għax aħna bħan-nies kollha, nixhdu li int raġel siedaq u ma żżomm ma' ħadd.*

*"Fiehem in-nies mela, li ma jitqarrqux fuq Ġesù. In-nies kollha, u aħna*

*wkoll, nisimgħuk. Itla' fuq il-quċċata tat-Tempju bież minn hemm jarawk u jisimgħuk sewwa n-nies kollha". Wasal il-Għid, u nġabru l-qatgħat tan-nies u kien hemm il-Griegi wkoll bejniethom.*

*Għalhekk il-Kittieba u l-Faresin tellgħu lil Ġakbu fuq it-Tempju, u bdew jgħajtu u saqsewh: "Ja Siedaq, li lkoll kemm aħna nisimgħuk; billi l-poplu qiegħed jgħarra u jimxi fit-triq ta' Ġesù (f) l-imsallab għidilna liema hu l-Bieb ta' Ġesù' "*

*Mbagħad Ġakbu b'leħen sħiħ weġibhom: "Għalfejn issaqsuni fuq 'Bieb Ġesù, Bin Alla? Hemm qiegħed, fis-sema, fil-lemin tal-Ogħla Qawwa. Minn hemm għandu jarġa jiġi, jagħmel ħaqq għal kullħadd!"*

*Kien hemm ħafna nies li emmnu għax-xhieda ta' Ġakbu, u sebbħu lil Ġesù u għajtu: "Hosanna lil Bin-David!" U mbagħad il-Kittieba u l-Faresin qalu bejniethom: "Għamilna ħażin li ġibna xiehed bħal dan lil Ġesù! Imxu nixħtu lil dak ir-raġel minn hemm fuq għal isfel, biex in-nies jibżgħu u ma jemmnux fih aktar!"*

*Bdew jgħajtu: "Hi! Hi! Is-Siedaq ukoll għarra!" U temmew il-kelma ta' Isajija: Inneħħu min-nofs lis-Siedaq, għax qiegħed iġibna f'wisq għali! U għalhekk jieklu l-frott ta' eħgmilhom! Telgħu fuq is-sur, u xeħtuh minn hemm fuq.*

*Imbagħad qalu lil xulxin "Imxu nħaġġru lil Ġakbu s-Siedaq!," u niżlu u bdew jagħtuh bil-ħaġar, għax ma kienx miet bis-sabta, imma ġie f'sessih u qam għarkubbtejh, u beda jitlob għaliehom hekk: "Nitolbok, Alla-Missier aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu!"*

*Huma u jħaġġruh, wieħed qassis minn Ulied Rekhab, iben ir-Rekhabîn li kien tkellem fuqhom il-Profeta Ġeremija, (XXXV, 1-9) għajjat: "Ieqfu! X'intom tagħmlu? Is-Siedaq qiegħed jitlob għalikom!"*

*Imbagħad wieħed ħassiel li kien bejnhom ġieb il-marżebba li biha kien jaħbat il-ħwejjeġ, u beda jagħti biha fuq ras is-Siedaq. Hekk dana miet xiehed (bil-Grieg: Martri). Difnuh hemm, fejn miet, qrib it-Tempju, u s'issa għadha hemm, qrib it-Tempju l-waqqafa tal-qabar tiegħu.*

*Dan hu li Eġesippu jgħid fit-tul, li jaqbel sewwa ma' Kelment. Ġakbu kien hekk meqjum u mfaħħar minn kulħadd għas-sedqa kbira tiegħu li l-aktar għaqlin fost il-Lhud emmnu li l-qatla tiegħu kienet il-ħtija tal-ħerba ta' Ġerusalem.*

*Ġużeppi Flavju wkoll xandar din il-fehma fil-kitba tiegħu fejn qal: "Dan kollu ġara lil-Lhud biex jitħallsu talli għamlu lil Ġakbu s-Siedaq. Dak kien ħu Ġesù li jgħidulu l-Kristu, li għalkemm kien qaddis, il-Lhud qatluh".*

*Dan ukoll fil-Ktieb Għoxrin tal-Qdumija, isemmi dak il-qtil b'dawn il kelmiet: "Kajsar malli għaraf bil-mewt ta' Festu, bagħat fil-Jehudija, bħala Hakem lill-Albinu. Il-Qassis Hanan it-Tieni, li semmejna qabel, li kien magħmul Qassis Kbir, kien ta' ras iebsa u mkabbar iż-żejjed. Kien mix-xirka tas-Sadduqin, li fost kollha huma l-aktar nies bla ħniena fil-ħquq tagħhom, bħal ma semmejna qabel.*

*Huwa għamel hekk: billi ħaseb li kienet ġietu d-daqqa, meta miet Festu u Albinu kien għadu ma wasalx, ġabar il-Ġemgħa tal-Imħallfin (is-Sanhedrin) u ġiegħel li jidher quddiemhom lil ħu Ġesù li jgħidulu Kristu, li kien jismu*

*Ġakbu, u xi oħrajn, li waħħal fihom li kisru l-Liġi u qatagħħielhom għat-tħaġ-ġir.* (g).

*Imma n-nies sewwa kollha fost il-beldin, u dawk li jħarsu l-Liġi, egħlew wisq, u bagħtu rsal bil-moħbi għand is-Sultan Agrippa biex jitolbuh li ma jħallix lil Qassis Hanan jagħmel hekk, u biex jgħarrfuh ukoll li fiż-żmien kollu li kien ilu Qassis ma kien għamel xejn ta' ġid. Uħud minnhom marru wkoll jiltaqgħu ma' Albinu li kien ġej minn Lixandra, u qalulu li Hanan ma kienx jista' mingħajr il-ħalla tiegħu jlaqqa' lis-Sanhedrin.*

*Albinu emmen kull ma qalulu, u kiteb kitba ħarxa lil Hanan u heddu li kif jasal jgħaddbu ta' egħmilu. Is-Sultan Agrippa wkoll, niżżel lil Hanan minn Qassis il-Kbir, li kien ilu mtalla' fih tliet xhur u talla' fi mkienu lil Ġesù Ben-Demas". Din hija l-ġrajja ta' Ġakbu, dak li kiteb l-ewwel Ittra minn dawk l-Ittri li jgħidulhom "Kattolki!"* *FRA MIKIEL O.F.M.*

(a). Il-Lhud, fiż-żmien li damu taħt ir-Rumani kellhom is-setgħa li jatu s-swat u jibagħtu l-ħabs, imma ma kellhomx is-setgħa li joqtlu.

(b). Il-għorrief tal-lum jaħsbu li dil-kitba ta' Eġesippu hija miżjuda u msebbħa xi ftit. U aktarx li hekk huwa.

(c). Il-għorrief ma jaqblux xi tfisser il-Kelma Oblias. L-aħjar tfisira donnha hi ta' H. Saħlin, li biddel l-"l" f'"d", u jagħmilha bil-Lhud *Għobdija* li tfisser: *Qaddej t'Alla.*

(d). "Bieb Ġesù", bil-Lhudi :*Xegħer Jexwa,* żewġ kelmiet li għandhom kemm il-tifsira. Aktarx kienu xi nasba tal-Lhud lil San Ġakbu, biex meta ijstqarr lil Ġesù, in-nies jaħsbuh li kien ċaħdu.

(e). Il-festa ta' San Ġakbu, f'Ġerusalem, mill-Griegi u s-Sirjani, issir fil-25 ta' Ottubru. Jekk jagħmluha fi żmienha tassew, mela Għid il-Lhud li jissemma hawn kien Għid il-Għarej-jex, li jiġi fil-5 ta' Tixrin, li jaħbat bejn Settembru u Ottubru.

(f). "Jimxi triq Ġesù", bil-Lhudi, *Jixgħer Xegħer Jevwa.* Ara nota (d).

g). Aktarx li Flavju qal aħjar minn Eġesippu. Il-Qassis, biex juri snienu, malli laħaq, qabad lil San Ġakbu u wkoll xi nies ħżiena, u qatagħħielhom għat-tħaġġir. Inqeda bil-ħżiena biex "jgħatti" bihom lil San Ġakbu, bħal ma Pilatu kien inqeda biż-żewġ ħallelin, biex "jgħatti" lil Kristu.

# Ilsien Twil, Xorti Ħażina!

Darba kien hemm ħalliel li daħal jisraq minn ġewwa dar, li fiha kien hemm musbieħ jixgħel, imma sidha kien barra. Kif seraq li kellu jisraq u kien ħiereġ mit-tieqa, għamlet fewġa riħ u l-musbieħ intefa, u l-ħalliel feraħ, għax kieku l-musbieħ intefa qabel, ma kien jista' jsib x'jisraq, f'dik id-dalma. Għadda ż-żmien u l-ħalliel mar joqgħod f'pajjiż ieħor, u darba kien f'ħanut u beda jiftaħar kemm kien xortih tajba li saħansitra meta mar jisraq, sab musbieħ jixgħel u dam jixgħel sa kemm ħareġ hu, u qal ukoll kemm ħwejjeġ sbieħ kien seraq minn hemm ġewwa. Imma ħasel ġara li fost in-nies li kienu jisimgħu kien hemm ukoll sid dik id-dar, li wkoll ħasel mar joqgħod f'dak il-pajjiż. Dak mar malajr l-għassa, u tal-għassa ġabru l-ħalliel li ħallas qares il-ftaħir tiegħu.

# Il-Ġnien ta' Moħħ il-Bniedem

Moħħ il-bniedem il-mitgħallem jixbah lil ġnien; ġnien bis-siġar tal-frott. U meta l-bniedem il-mitgħallem jitħaddet, jew jikteb xi ħaġa, ikun qisu fetaħ taqsima mill-ġnien tiegħu, biex min ma għandux, jidħol jieħu minn dak il-frott, u jitħenna bih għal xogħlu.

Imma sid il-ġnien irid joqgħod għajnejh miftuħa li jewilla l-frott tal-ġnien tiegħu meta jiftħu, ma jkun għadu nej, anqas misjur iż-żejjed u mdewwed. Għax inkella, bdiel ġid, lil min jiekol minnu għax minn għalih tajjeb, jagħmillu d-deni!

# KLIEM SABIH BARRA MINN WAQTU

Meta Ġesù raġa' lejn il-Palestina, wara l-għiba tiegħu tax-xitwa (1), qagħad jistrieħ sitt ijiem, imbagħad tala' fuq it-Tabor (2). Niżel mit-Tabor u fejjaq lit-tifel marid b'tal-qamar (3); mar f'raħal u qagħad ftit f'dar (4); u minn hemm qabad triqtu lejn Kafar-Nahûm. Fit-triq, Ġesù u l-Appostli, ma mxewx il-koll flimkien, għax Ġesù ma riedx juri dak il-ħin li kien raġa' ġie mis-safar (5); għal hekk imxew, jew Ġesù għalih u l-Appostli kollha għaliehom, inkella tqassmu qasmejn, u Ġesù ma mexiex mal-koll, imma ma' wħud minnhom biss.

Meta waslu Kafar- Nahûm, u kienu l-koll flimkien f'dar Pietru, ġrat ġrajja u Ġesù qal kliem li huma miktuba (ġrajja u kliem), minn san Mark u san Mattew (6). Il-ġrajja, kif kitibha san Mark, donnha tidher aħjar minn kif kitibha san Mattew; imma l-kliem, kif kitbu san Mattew, donnu jidher aħjar minn kif kitbu san Mark. Fit-tnejn, imma, donnu li xi kliem ta' Ġesù jidher qiegħed barra minn waqtu. Ġesù qalu tas-sew dak il-kliem, imma m'hux dik id-darba. Hawn sa naraw, fil-qasir, jekk nis-tgħux dak il-kliem sabiħ inqegħduh fejn għandu joqgħod, għax fejn qie-għed issa, ma jaqbel xej.

Mela, san Mark kiteb (7) li kif Ġesù kien id-dar ta' Pietru, saqsa lil uħud mill-Appostli: "Fuqhiex tħad-dittu fit-triq?" u huma stamtu, għax fit-triq kienu tħaddtu fuq min kien l-akbar. U Ġesù qagħad bil-qegħda u għajjat ħdejh lit-Tnax, u kif kienu hemm kollha, qalilhom: "Jekk xi ħadd minnkom irid ikun l-ewwel, għandu jkun l-aħħar fost il-koll, u l-qaddej tal-koll". U qabad tifel żgħir u waqqfu f'nofshom, u ħaddnu miegħu, u raġa' qalilhom. (8): "Emîn ngħidilkom: jekk ma tbiddlux ħajjitkom u terġgħu ssiru bħal tfal, ma tidħlux f'Melkut is-sma-wiet. Dak mela, li jċekken lilu n-nifsu bħal dan it-tifel żgħir, dak ikun l-ak-bar f'Melkut is-smawiet."

Sa hawn kliem Ġesù qiegħed f'waq-tu, għax jaqbel sewwa mal-ġrajja: l-Appostli tħaqqu bejniethom fuq min kien l-akbar; u Ġesù uriehom bi kliemu, min kien l-akbar. Imma l-kliem li jiġi wara, ma' din il-ġrajja ma jaqbel xej. Għax fil-kliem l-ieħor, Ġesù qagħad jitħaddet fuq il-moħ-qrija tat-tfal żgħar. Imma lil dak it-tifel żgħir li kien fost l-Appostli, u li Ġesù waqqfu f'nofshom bħala turija tagħhom, m'hux miktub li xi ħadd ħaqru (9); mela dan il-kliem ta' Ġesù fuq il-moħqrija, għal fejn?

Dan il-kliem qisu li nġieb u ddaħ-ħal hawn minn naħa oħra. Għandu jkun li kien miktub maħlul (jiġifieri bla ġrajja miegħu) fi ktieb tal-ew-wel Insara li kienu jgħidulu *Logia tou Kyriou* (Kliem il-Mulej) (10), u li xi kopista minn tal-bidu nett, malli f'dil-ġrajja li semmejna ra l-kel-ma: "paidion" (tifel żgħir), daħ-ħal warajha, mill-ktieb tal-*Logia*, il-kliem ta' Ġesù fuq il-moħqrija tat-tfal żgħar, bla ma qagħad jara jekk hemm xi ġrajja aħjar minnha biex dak il-kliem jidħol magħha. U meta dik il-ġrajja waslet (għax qegħda ftit versi wara, sew f'san Mattew kemm f'san Mark), ħalla kollox kif kien kiteb, u ma riedx jerġa jikteb mill-ġdid.

Il-ġrajja ta' fejn joqgħod tajjeb dak il-kliem, fl-Evanġelju ta' san Mark, qegħda kap X, versi 13—16;

u fl-Evanġelju ta' san Mattew qegħda kap XIX, versi 13—15. Ejja, mela, niktbuhom hemm, ħalli naraw kemm joqgħdu tal-qies u sewwa; u nagħmlu bħall-ewwel: nieħdu l-ġrajja kif inhi miktuba f'san Mark, u l-kliem kif kitbu san Mattew:

*U ġebulu tfal żgħar biex imisshom, imma l-Ixirka għajjtu magħhom (keċċewhom) lil dawk li ġebuhom. Jara dan, Ġesù, għadab u qalilhom: "Ħallu lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u la timngħuhomx! Għax ta' bħal dawn hu Melkut Alla!" U beda jgħannaqhom, u jberikom, u jqiegħed idejh fuqhom. U qal lill-Ixirka: "Emin, ngħidilkom: jekk wieħed ma jilqax Melkut Alla bħala tifel żgħir, ma jidħolx fih* (Mark, X, 13—16).

*"Min jilqa tifel żgħir bħal dawn, f'ismi, jilqa' lili; imma min jgħażżeb* (11) *wieħed minn dawn iż-żgħar, li jemmnu, jaqbillu li tirtabat ħaġra ta' mitħna ma għonqu u jegħreq f'qiegħ il-baħar.*

*Ara li ma tgħażżbux xi wieħed minn dawn iż-żgħar! Għax l-Anġli tagħhom dejjem jaraw Wiċċ Missieri li hu fis-smewiet* (vers 10). *Emîn, ngħidilkom: kull min jagħti jixrob ftit ilma lil iweħed minn dawn iż-żgħar, ma jitlefx il-ħlas tiegħu!* (Matt. X, 42). . (12).

Hawn, dan il-kliem sabiħ ta' Ġesù joqgħod tajjeb. Dak li keċċa lit-tfal ż-żgħar (u jista' jkun ukoll li tohom xi daqqa, għalhekk Ġesù għadab) u lil dawk li ġebuhom, kien aktarx san Pietru. Billi Ġesù kien joqgħod f'daru meta jkun f'Kafar-Naħûm, san Pietru kien imkabbar bih, u jħobbu minn qalbu, donnu jistħajjel (biex ngħiduha hekk) li Ġesù kien ibnu. Għalhekk kien saħansitra jwissih (ara Matt. kap XVI, versi 21—23). U din id-darba ried iħarsu mid-dwejjaq (kif ħaseb hu) ta' dawk it-tfal żgħar, foqra tal-Fellaħîn, ta' xi raħal imwarrab, li ċert li kienu maħmuġin, li kellhom wiċċhom bl-imħât, il-qmejsa quddiem imxarrba, u kellhom fuqhom riħa miżża. Imma Ġesù m'hux dan kien iqis. Kien iqis li ġewwa dak il-ġisem żgħir u maħmuġ, kien hemm RUH ġdida, nadifa u safja, l-isbaħ biċċa xogħol li ħarġet minn idejn Alla!

(BEN JEHUŻA).

---

(1). Mark, VIII, 2; Matt. XVI, 13. (2). Mark, IX, 1; Matt. XVII, 1. (3). Mark, IX 13; Matt. XVII, 14, (4). Mark, IX, 27; Matt. XVII, 18. (5), Mark, IX, 29. (6). Mark, IX, 32-49; Matt. XVIII, 1—35. (7). Ara n-nota ta' qabel din. (8). Matt. XVIII, 3. (9). Il-kelma sew, bil-Palestini, hija *Għażżeb,* li tfisser: *Taħqar; Iġġiegħel ibati lil xi ħadd,* u drabi: *Titlaq waħdu, Tabbanduna.* Ma għndniex xi ngħidu, jekk titlaq tfel żgħir waħdu, ibati; mela jkun *tgħażżeb* ukoll. (10). Ara l-ħarġa ta' dan il-Qari ta' April — Ġunju tas-sena l-oħra (1962), nota 5, faċċata 62. (11). It-tfal iż-żgħar, billi għadhom bla sens u jemmnu kollox, u billi għadhom qishom bla saħħa, ma jistgħux iħarsu lilhom infushom minn min jaħqarhom. Għal hekk Alla, li ħalaqhom, iqisu li hu dmir tiegħu li jħallas hu lil min jagħmlilhom id-deni. Minn hekk il-għadab ta' Ġesu'. (12). Din hija waħda mill-"ġabriet" jew "tilqitiet" li hemm fl-Evanġelju ta' san Mattew, u jaqbel li nisfħuha naqra. Il-versi 8 u 9, fuq il-qtugħ tal-id u l-qligħ tal-għajn, huma mtennija mill-Priedka l-Kbira (Matt. V, 29—30); versi 12—14 Ġesù ma qalhom hawn; kif kiteb san Luqa (XV, 1—7) qalhom bi tweġiba lil Kittieba u l-Faresin, meta tkażaw bih għax mar jiekol mal-Għaxxarin (aktarx f'Ariha, meta għadda jum għand Żakkaj il-Għaxxari. Ara Luqa, XIX, 7 u 10); versi 15—17 u 21 san Luqa kitibhom ukoll (XVII, 3—4), imma ma qalx f'liema waqt qalhom Ġesu' imma atarx li qalhom meta għallem lill-Appostli t-talba tal-*Missierna,* u li meta jitolbu għandhom jaħfru biex Alla jaħfer lilhom (ara Mark, XI, 25—26). Versi 18, 19, 20, jidher li Ġesu' qalhom meta kien sa jħalli weħedhom lill-Appostli; mela jew meta kien sa jinġabar xi mkien waħdu, għax-xitwa, inkella meta kien sa jitla' s-sema wara l-qawma mill-imwiet (ara l-Evanġelju ta' san Ġwann, XX, 23). Il-bqija, mill-vers 21 salaħħar jarġa' jaqbad fuq x'għandu jagħmel wieħed *qabel* ma jagħti qima 'l Alla: jissewwa ma għajru (ara Matt. V, 23—24). Il-versi l-oħra rajnieħom.

# AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

**Nies Izuru l-Art Imqaddsa** — Il-għadd tal-Insara li jmorru jżuru l-Art Imqaddsa kull ma jmur aktar qiegħed jiżdied. Ir-Rev. Patri Kustodju tal- Franġiskani laqa' għandu u kellem tmienja u tletin ġemgħa ta' żawwarin minn ħmistaxer nazzjon, li kollha flimkien jagħmlu l-għadd sabiħ ta' elfejn u ħames mitt (2,500) ruħ. Fosthom kien hemm ukoll ġemgħa ta' żawwarin mit-Turkija, immexxija minn Patri Franġiskan, is-superjur tad-Dejr żgħir li hemm fi Stambul, jew Kostantinopli. Dan hu l-ewwel Pellegrinaġġ li mar Ġerusalem minn dik in-nazzjon. Fost ir-rjus kbar li marru jżuru l-Art Imqaddsa s-sajf li għadda, ta' min isemmi l-President tal-Costa d'Avorio, is-sinjur Felix Houphouet-Bigny, li ta' Kattolku tajjeb li hu ried li kif kien hemm titqaddes quddiesa għalih u għas-sinjura tiegħu fil-Grotta tal-Bxara f'Nazaret.

**It-Tiswija Tal-Qabar ta' Kristu** — Għal kemm is-sajf li għadda kien sajf ta' sħana barranija fil-Palestina, ix-xogħol tat-tiswija tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu baqa' sejjer bla qtugħ, sewwa minn ġewwa l-Bażilka kemm ukoll minn barra. Bħal issa hemm f'Ġerusalem iż-żewġ imgħallmin kbar tal-bini, tal-Franġiskani u tal-Armeni.

**It-Taħfir Fuq l-Herodium** — Bħal ma semmejna fl-aħħar ħarġa ta' dal-Qari, fuq il-għolja msemmija Herodium fl-antik, li issa jgħidulha Ġebel Furdejs, sar taħfir mill-Franġiskani, bil-flus tar-Repubblika Taljana. Ix-xogħol inbeda fil-20 ta' Mejju li għadda u waqaf fil-10 t'Awissu. Fil-bidu kien hemm jaħdmu ħamsa u erbgħin ħaddiem, u wara żdiedu sa sebgħin wieħed. Il-fortizza li kien hemm fuq dik il-għolja kienet ta' għamla mdawwra, u kien fiha l-meħtieġ kollu biex tahmel assedju twil: imħażen għal qamħ, imtieħen u fran, u saħansitra ħwienet fejn isiru l-għodda għat-taqbid. Issa x-xogħol waqaf, imma għandu jarġa' jibda 'l quddiem.

**MALTA: Tixrid ta' dan il-Qari** — Għeliem tajjeb ħafna hu li l-għadd tal-imseħbin f'dan il-Qari qiegħed jiżdied ta' kull sena. Tmien snin ilu bdejna b'erba' mija, u minn dan il-għadd (Jannar-Marzu 1963) ġbidna ERBAT ELEF KOPJA. Dan juri ċar li l-Maltin u l-Għawdxin jgħożżu wisq l-Imkejjen Imqaddsa, u la jgħożżu lilhom, jgħożżu wkoll lil Persuna ta' Dak li tiegħu huma tifkira, jiġifieri lil Ħellies tagħna u Sidna Ġesù Kristu.

## GRAZZI MAQLUGHA

Is-sinjura H. Borg-Olivier tiżżi ħajr lil Madonna Addolorata tal-Kalvarju għal grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tagħha, billi tagħmel quddiesa fl-artal tagħha fuq il-Kalvarju, Ġerusalem, u tqassam 100 santa taxxbieha tagħha u 50 kurunella.

Is-sinjurina Rosarja Borg-Olivier minn Ħal-Balzan tiżżi ħajr lid-Duluri tal-Kalvarju għall-grazzji li qalgħet bl-interċezzjoni tagħha.

Is-sur John Debono jiżżi ħajr lid-Duluri tal-Kalvarju għal grazzja li qala' bit-talb tagħha, jibgħat lira (£) Ġerusalem għal ħteġiet tal-artal tagħha li jinsab fuq il-Blata fejn Kristu kien imsallab.

# REQUIESCANT IN PACE

*Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.*

ĦAL-KIRKOP: Mikele u Anġela Attard. Francesco u Benedetta Cutajar. Mejtin Familja Farruġia. Ġiuseppe u Ġiovanna Grech. Ġiuseppe u Ġiovanna Camilleri. Anna Abdilla. Bedendetto Camilleri. Mejtin Familja Cassar.

L-IMQABBA: Marija u Innoċenz Sciberras. Carmela Grech. Innoċenz u Mikelina Mifsud. Innoċenz u Ġiobattista Għigo. Ġiovanna u Vinċenzo Camilleri.

BIRŻEBBUĠIA: Ġiacomo u Catarina Tabone. Carmela Inquaneż. Paula u Catarina Briffa. Ġiuditta u Ġiuseppe Spiteri. Carmela Farruġia. Antonio Camilleri. Ġiovanna Paċe. Carmelo u Rosa Carabott. Salvatore Farruġia. Anġelo u Paula Bonniċi. Carmelo Ġiuseppe u Anna Falzon. Ġiuseppe u Ġiuseppa Spiteri.

SAN PAWL-IL BAĦAR: Ġiuseppe Maria Francesco Lucrezia Borġ. Marija Cray. Grazja Sammut. Ġiovanna u Mikele Stivala. Ġiuseppe Carmelo Marija Cremona. Carmela Camilleri. Ġioacchin Galdes. Gaetano Busuttil, Salvatore Musù.

IL-MELLIEĦA: Carmela u Vittorja Cutajar. Salvatore u Antonia Cutajar. Nuzzu Debono. Anna Vella. Francesco Vittoria u Ġiuseppa Vella. Anna Stefano u Ġiuseppe Debono. Anna Fenech. Romano Vella. Paula Giuseppe Francesco u Mariaanna Gauċi. Ġiovanni u Marija Baldacchino.

IL-GUDJA: Christina Vella u Anġela Azzopardi Dingli. Peter u Marija Grima. Sapienza u Ġiuseppe Aġius. Ġiuseppe u Grezia Dalli.

IL-QRENDI: Carmelo u Marija Vella Vassallo. Giuseppe u Marija Buġeja. Paolo u Vittoria Ellul. Lorenzo u Lourdes Magro. Ġiuseppe Marija Pietro Ġiovanni Carmelo Emmanuele u Carmela Bezzina. Marija u Filippo Zammit. Ġiuseppe Buġeja.

ĦAL-BALZAN: Salvatore Micallef. Pietro Mifsud. Vinċenzo Margherita u Paolo Borġ. Marianna u Ġeorġ Abela. Francesco Cardona. Familja Mizzi.

IL-ĦAMRUN: Vinċenza Antonio Ġiuseppe Francesco Darmanin. Luiġi Michelina u Feliċia Grech. Antonio u Antonia Bartolo. William Quinto. Antonio Mifsud. Saverio u Romano Muscat. William Quinto. Antonio Mifsud. Saverio u Rosario Cassar, Maria u Saver Palmier. Ġeorġe u Anġlu Farruġia. Paula u Virġinia Billion. Marija Farruġia. Familja Spiteri. Ġiuseppe Ġiovanni u Carmela Spiteri. Ludgarda u Anġelo Galea. Michelanġelo Farruġia. Paula Ċiappara. Ċetta Briffa. Michele u Rosina Spiteri. Etta Ġiuseppe u Vinċenza Schieda. Ġiuseppe Baldacchino Michele u Salvu Camilleri Familja Farruġia u Cutajar. Maria

Farruġia. Maria Leone. Marija u Ġiuseppa Vella Ġianna Vassallo. Carmelo Buħaġiar.

SAFI: Ġiuseppa Carmelo u Manuela Zammit. Paolo Anġlu u Marianna Busuttil. Carmelo u Francesco Tonna. Caterina Buġeja. Paola Cachia. Leonardo u Maria Busuttil. Teresa u Ġiuseppe Schembri. Carmela Manuela u Ġ'usa Zammit.

ĦAL-LIJA: Erwieħ Abbondonati. Carmelo u Filippa Micallef. Spiro Zammit. Antonio, Carmela, Michelina, Camilleri. Maria Carmela u Manuela Camilleri. Margħerita, Salvu Fenech Vinċenzo, Catarina, Cutajar. Pietro Marianna u Margħerita Fenech. Carmela u Carmelo Borġ. Vittoria Vella Maria u Salvu Cutajar. Anselmo u Filomena Borġ. Teresa u Anġlu Muscat. Nicola Rosaria Francesca u Suor Maria St: Luke. Michele u Maria Grixti.

IL-MOSTA: Anġela Ġiuseppe u Paolo Galea. Antonio Paolo u Dun Ġiusep Vella. Carmelo Rosa Maria u Antonio Micallef. Ġiuseppe Ġiuseppa u Vittoria Vella. Ċensu Francesco Ġiovanni Bezzina. Carmela Speranza u Paola Quattromani. Paolo Magri.

IL-QALA (Għawdex) Vinċenzo u Rosa Apap. Ġeorġio Adeodato u Carmela Spiteri. Marianna Micallef Ġiuseppa Spiteri. Maria Apap. Maria u Francesco Cauchi. Teodora Giuseppe u Francesco Apap. Grazia Lucia Carmelo Ġiuseppe Maria Reġina Antonio Ġiuseppa Marianna Vella. Gregorio Gauċi. Carmela Ġiuseppe u Ċetta Portelli. Indrin Michele u Rosa Bartolo. Toni Maria u Bertu Borġ. Carmela Cutajar. Kelina Grech Michele u Carmela Buttiġieġ. Anġlu u Coronatu Borġ. Francesco u Giuseppa Cassar. Maria u Ġiamri Borġ. Maria u Ġiamri Portelli. Manueli Lorenzo u Anġlu Cutajar. Anġlu u Anġlu Vella. Maria Paulu u Maria Vella. Michele Maria u Ġiuseppe Buttiġieġ. Maria u Paulu Cremona. Maria Lorenzo Gerita Ġiuseppa, Warda u Carmela Xerri. Ġiuseppe u Marianna Cremona. Carmelo Buttiġieġ. Grazia u Ġiuseppe Butiġieġ. Michele u Maria Attard. Ġiuseppe Attard. Teresa u Francesco Butiġieġ. Warda, Gerita u Maria Xerri. Conċetta u Ġiuseppi Xerri. Rosaria Maria u Paulu Xerri. Rosaria Franċescu u Salvu Xerri. Toni u Ċetta Mizzi. Toni u Salvu Xerri Ursola Carmen Anna u Salvu Cutajar. Maria u Feliċ Butiġieġ. Ġiuseppi Ġiuseppa u Salvu Attard. Teresa Michele Rosa u Salvu Butiġieġ. Ġiuseppi Ursola u Salvu Debono. Francesco Rosa u Paulu Camilleri. Rosa u Teresa Attard. Ġiuseppi Attard Monsignor Butiġieġ Vincent u Teresa Strazzera Antonio Ġiuseppi Davida Miżżi.

ĦAL-QORMI: Michelina Ricardo Giovanna Calċedonio Alfonzo u Maria Merċieca. Toninu Salvu u Anġelo Debattista. Mejtin Familja Zammit u Mamo. Toni Ġiuseppi Ġeorġia Cetta Maria Ġiuseppi Mifsud. Marinton Anġelo Carmelo Micallef. Serafina Ġiuseppi Antonio u Greziu Azzopardi. Aristide Billeci Ċetta William Leonardu Għony Sant. Grazia Coronatu Maria Salvu John Carmela Maria Salvu Grech. Publio u Ġiovanni Micallef. Anġelo Camilleri. Vinċenza Azzopardi. Ġeorġia Saliba Annunziata Buġeja Carmelo Buġeja Ġiuseppi Filippu Antonio Cassar Michele Micallef Carmela Micallef.

*Min-naħa tagħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin għeżież ikollhom dejjem sehem mill-quddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Kristu.*